Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,202, 31 ta' Mejju, 2019
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVI tal-2019

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379 u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u Liġijiet oħra, sabiex jestendi l-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom.

ACT No. XVI of 2019

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Competition Act, Cap. 379 and the Consumer Affairs Act, Cap. 378 and other Laws, to extend the competence of the Civil Court (Commercial Section) and to make ancillary and consequential provisions thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

31 ta’ Mejju, 2019

ATT Nru XVI tal-2019

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379 u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u Liġijiet oħra, sabiex jestendi l-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u huwa jista’ hekk jistabbilixxi dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti ta’ dan l-Att.

Taqsima I
Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili

Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Kodiċi.

3. Is-subartikolu (7) tal-artikolu 36 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) għandha tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha kontra persuni kemm naturali kif ukoll ġuridiċi li huma residenti jew li għandhom id-dar ordinarja jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fil-Gżejjer ta' Malta u fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, u tal-kawżi l-oħra kollha, li huma espressament assenjati bil-liġi lil dik is-sezzjoni tal-Qorti Ċivili:

Iżda meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) għandha tisma' kawżi li jikkonċernaw pretensjonijiet kontra persuni kemm naturali kif ukoll ġuridiċi li huma residenti jew li għandhom id-dar ordinarja jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, is-seduti għandhom jinżammu fil-bini tal-qrati ta' Għawdex:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu IV tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb intitolat "Fuq il-Periti" ta' dan il-Kodiċi għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal materji li għandhom x'jaqsmu mal-Att dwar il-Kompetizzjoni u xi regolamenti magħmula taħtu u mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u xi regolamenti magħmula taħtu.".

Kap. 379.

Kap. 378.

Emenda tal-artikolu 37 tal-Kodiċi.

4. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 37 tal-Kodiċi, il-kliem "quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Kodiċi.

5. L-artikolu 38 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha u quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u

għall-Konsumatur";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "mill-imsemmija Qorti" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur"; u

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ):" u minnufih wara dak il-kliem għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda l-kawżi kollha mibdija skont l-Att dwar il-Kompetizzjoni u xi regolamenti magħmulin taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u xi regolamenti magħmulin taħtu u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, li jkunu pendenti quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra, għandhom ukoll jitkomplew quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).". Kap. 379. Kap. 378. Kap. 510

Taqsima II
Emendi għall-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 378.

7. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "oġġetti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;";u L.S. 12.19.

(b) it-tifsira "Tribunal tal-Appell" għandha tiġi mħassra.

Sostituzzjoni tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-ġej:

"Responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali u kompetenzi tal-Qorti Ċivili.

3. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att u għall-investigazzjonijiet skont dan l-Att, u għal dawk l-għanijiet huwa għandu jeżerċita dawk ir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur bl-artikolu 17 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ħlief meta l-kompetenzi jkunu assenjati lill-Qorti Ċivili b'dan l-Att jew bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur:

Kap. 510.

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jiddelega kull waħda mill-funzjonijiet u setgħat tiegħu lil kull uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "ħtieġa f'konnessjoni ma' dan." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "ħtieġa f'konnessjoni ma' dan:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi assenjati lill-Qorti Ċivili b'dan l-Att."; u

(b) fis-subartikolu (3)(b) tiegħu, il-kliem "multa amministrattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "penali".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Investigazzjonijiet.

12. (1) Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu s-setgħa jwettaq investigazzjonijiet minn jeddu jew fuq allegazzjoni raġonevoli magħmula bil-miktub kif ukoll minn entità kwalifikata, dwar ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu.

(2) Malli jibda l-investigazzjonijiet dwar ksur allegat ta' dan l-Att jew dwar kull regolament magħmul taħtu, id-Direttur Ġenerali għandu jinnotifika bil-miktub lill-persuna konċernata b'dan u jinforma lill-persuna konċernata dwar in-natura tal-ksur allegat.

(3) Il-persuna konċernata għandha tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha lid-Direttur Ġenerali fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-bidu tal-investigazzjonijiet.

(4) Matul l-investigazzjonijiet, id-Direttur Ġenerali, sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt din it-Taqsima, jista' wkoll juża s-setgħa ta' dħul għall-ispezzjoni u s-setgħa li jeħtieġ u jirċievi informazzjoni skont l-artikoli 103 u 104, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 105 għandhom japplikaw għal dan ukoll.

(5) Meta, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, id-Direttur Ġenerali jidhirlu *prima facie* li hemm ksur ta' dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu, id-Direttur Ġenerali għandu jibda proċedimenti ġudizzjarji permezz ta' rikors ġuramentat kontra l-persuna konċernata quddiem il-Qorti Ċivili:

Iżda minflok jipproċedi ġudizzjarjament, f'dawk il-każijiet msemmija fl-artikolu 12A, id-Direttur Ġenerali jista' jitlob garanzija mingħand il-kummerċjant skont l-imsemmi artikolu 12A.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 12A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Garanziji. 12A. (1) Mal-konklużjoni ta' investigazzjoni skont l-artikolu 12(5), fejn jidher *prima facie* lid-Direttur Ġenerali li kummerċjant ikun ġab ruħu bi ksur ta' jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 7 jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9, jew bi ksur jew nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 44 sa 47, 51A sa 51E, id-Direttur Ġenerali, fid-diskrezzjoni tiegħu minflok jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Ċivili kontra l-kummerċjant skont l-artikolu 12(5), jista' jammonixxi lill-kummerċjant u jikseb mingħandu garanzija bil-miktub li l-kummerċjant għandu jieqaf milli jkompli jġib ruħu skont ma hemm miktub fil-

garanzija għal dak iż-żmien li ma jkunx iktar minn tliet snin, jew għal kull perjodu itwal li d-Direttur Ġenerali jista' jistabbilixxi.

(2) Il-garanzija għandu jkun fiha dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet oħra li jista' jkun hemm ftehim dwarhom, inkluż, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, l-għoti ta' kumpens lill-konsumaturi milqutin u, jew ir-restituzzjoni ta' kwalunkwe flus jew proprjetà mogħtija mill-konsumaturi.

(3) Meta d-Direttur Ġenerali jqis li jkun hekk adatt, huwa jista' jordna l-pubblikazzjoni ta' dik il-garanzija minn tal-inqas f'żewġ gazzetti ta' kuljum, u l-ispejjeż relattivi għal dan għandhom jitħallsu mill-kummerċjant.

(4) Id-Direttur Ġenerali għandu jżomm reġistru għall-garanziji magħmula taħt dan l-artikolu, liema reġistru għandu jinżamm fl-uffiċċju prinċipali tal-Uffiċċju u kull persuna tkun tista' tara r-reġistru matul dawk il-ħinijiet li jkunu stabbiliti mid-Direttur Ġenerali.

(5) Meta, fl-opinjoni tad-Direttur Ġenerali, kummerċjant ma jkunx osserva l-garanzija, id-Direttur Ġenerali għandu jippreżenta rikors ġuramentat quddiem il-Qorti Ċivili li fih jitlob li l-Qorti Ċivili ssib lill-kummerċjant responsabbli għall-ksur tal-garanzija u timponi penali skont l-artikolu 106A:

Iżda dak il-kummerċjant għandu f'kull każ jibqa' marbut bil-garanzija għaż-żmien li jifdal mill-perjodu tagħha.".

Emenda tal-artikolu 12B tal-Att prinċipali.

12. L-artikolu 12B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Mingħajr ħsara għall-artikolu 12A," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 12,"; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Id-Direttur Ġenerali għandu, fi żmien ħamsa u erbgħin ġurnata wara l-ġurnata li fiha jirċievi l-ilment, jippubblika risposta li tgħid kif huwa jipproponi li jittratta l-ilment, u partikolarment jekk tkunx sejra tinbeda investigazzjoni.".

Żieda ta' Taqsima IIA ġdida u artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

13. Minnufih wara l-artikolu 12B tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda t-Taqsima IIA ġdida u l-artikoli ġodda li ġejjin:

"TAQSIMA IIA
Proċedimenti ġudizzjarji quddiem
il-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti tal-Appell

Skritturi.

12Ċ. (1) Ir-rikors ġuramentat imsemmi fl-artikolu 12(5) għandu:

(a) isemmi l-fatti li wasslu lid-Direttur Ġenerali jikkonkludi *prima facie* li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' regolamenti magħmula taħtu;

(b) jinkludi talba tad-Direttur Ġenerali għal dikjarazzjoni mill-Qorti Ċivili li l-persuna konċernata, li kontra tagħha nbdew il-proċedimenti ġudizzjarji, kisret id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmula taħtu u hija responsabbli għal dak il-ksur; u

(ċ) ikun fih talba tad-Direttur Ġenerali lill-Qorti Ċivili għal:

(i) l-impożizzjoni ta' penali fuq il-konvenut skont l-artikolu 106A għal kull ksur, u, jew

(ii) il-ħruġ ta' ordni ta' tħaris fil-konfront tal-konvenut, u, jew

(iii) kull rimedju ieħor kontemplat f'dan l-Att, u, jew

(iv) kull ordni rilevanti ieħor li jista' jkun neċessarju skont iċ-ċirkostanzi tal-każ:

Kap. 12.

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, meta applikabbli, japplikaw ukoll għar-rikors ġuramentat.

(2) Ir-rikors ġuramentat għandu jkun notifikat ukoll lil kull entità kwalifikata li tkun allegat il-ksur skont l-artikolu 12(1).

(3) Il-persuna konċernata għandha, fi żmien għoxrin jum minn meta tkun notifikata bir-rikors ġuramentat, tippreżenta r-risposta ġuramentata u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ.

Kap. 12.

Setgħat speċifiċi tal-Qorti Ċivili.

12D. Fil-proċedimenti ġudizzjarji mibdija mid-Direttur Ġenerali wara investigazzjoni ta' prattiċi kummerċjali kif imfissra fl-artikolu 51A li jidhru li huma mhux ġusti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII, il-Qorti Ċivili tista', minnufih wara l-għeluq tal-iskritturi:

(a) teħtieġ lill-konvenut iġib prova tal-eżattezza tal-pretensjonijiet fattwali fir-rigward ta' xi prattika kummerċjali jekk, meta jitqies l-interess leġittimu tal-konvenut u ta' kull parti oħra fil-proċeduri, dik il-ħtieġa tkun tidher ġustifikata fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari; u

(b) tikkunsidra l-pretensjonijiet fattwali bħala mhux eżatti jekk ma tingħiebx il-prova meħtieġa skont il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jew din titqies bħala waħda insuffiċjenti mill-Qorti Ċivili.

Miżuri intermedji.

12E. (1) F'każijiet ta' urġenza minħabba r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, id-Direttur Ġenerali jista', f'kull stadju qabel il-konklużjoni tal-investigazzjoni mibdija skont l-artikolu 12, jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili fejn jitlob li jinħarġu miżuri intermedji għal dak il-perjodu stabbilit mill-Qorti Ċivili sabiex il-persuna konċernata tirrimedja s-sitwazzjoni.

(2) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi notifikat lill-persuna konċernata li għandha, fi żmien tmint ijiem min-notifika, tippreżenta risposta biex tipproponi r-rimedji jew biex tikkontesta t-talba għall-miżuri intermedji u tipprovdi r-raġunijiet għal dan.

(3) Il-Qorti Ċivili għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors b'urġenza *in camera* jew wara li tisma' l-avukati tal-partijiet, skont kif hija tqis xieraq, b'dana illi ma għandhiex tiġi ffissata aktar minn seduta waħda għal dan il-għan.

(4) Id-digriet tal-Qorti Ċivili li bih tordna l-ħruġ tal-miżuri intermedji għandu jkun eżegwibbli man-notifika, għandu jibqa' fis-seħħ għal dak il-perijodu deċiż mill-Qorti Ċivili, u ma jkun hemm ebda dritt ta' appell minn dan id-digriet:

Iżda xejn ma jżomm lill-Qorti milli tirrevoka xi miżuri intermedji, milli ġġedded l-istess miżuri intermedji għal perjodi ulterjuri jew milli tbiddel dawk il-miżuri intermedji sa fejn dan ikun neċessarju u xieraq skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan wara li jsir rikors tad-Direttur Ġenerali jew tal-persuna konċernata.

(5) Kull persuna li tikser id-digriet li jordna l-miżuri intermedji għandha tkun soġġetta għal penali skont l-artikolu 106A.

Ordni tal-Qorti Ċivili.

12F. Meta l-Qorti Ċivili tagħti sentenza li fiha ssib ksur ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, il-Qorti Ċivili tista', mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106A u ta' kull rimedju ieħor pprovdut taħt dan l-Att, tordna r-restituzzjoni ta' kwalunkwe flus jew proprjetà mogħtija mill-konsumatur.

Ordnijiet ta' tħaris.

12G. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106A u tas-subartikolu (8), sew jekk ikunx jew le fuq talba tad-Direttur Ġenerali, jew ta' entità kwalifikata, il-Qorti Ċivili, fid-diskrezzjoni tagħha, meta tqisu raġonevolment xieraq jew meħtieġ fl-interess pubbliku, fis-sentenza li biha ssib lill-konvenut responsabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu, tista' toħroġ ordni ta' tħaris:

(a) kontra l-konvenut, li bih teħtieġ:-

(i) it-tħassir jew it-tibdil ta' klawsoli f'kuntratt li jsir mal-konsumatur li l-Qorti Ċivili tqis mhux ġusti għall-konsumaturi skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' dan l-Att; u

(ii) l-inkorporazzjoni ta' pattijiet f'kuntratt li jsir mal-konsumatur li l-Qorti Civili tkun qieset li jkunu meħtieġa għall-aħjar tagħrif tal-konsumaturi, jew sabiex jipprevjeni żbilanċ konsiderevoli bejn l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet tal-partijiet, u dan għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

(b) sabiex il-konvenut li jkun qiegħed jadotta jew jipproponi li jadotta xi prattika kummerċjali mhux ġusta, ma jkomplix għaddej jew jieqaf minn dik il-prattika u, jew li jieħu kwalunkwe miżura speċifikata fl-ordni ta' tħaris, inkluża dikjarazzjoni korrettiva fiż-żmien speċifikat fiha sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII ta' dan l-Att jiġu osservati;

(ċ) sabiex teħtieġ lill-konvenut jieħu dawk il-miżuri speċifikati fl-ordni ta' tħaris, inkluża dikjarazzjoni korrettiva, fiż-żmien speċifikat fl-ordni ta' tħaris sabiex jiġi żgurat li dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu jew kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur li tista' tiġi hekk imsemmija b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jiġu mħarsa; u

(d) sabiex teħtieġ lill-konvenut jieqaf u jiddeżisti milli jwettaq xi reat jew ksur kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu jew kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur li tista' tiġi hekk imsemmija b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill.

(2) L-entità kwalifikata li titlob ordni ta' tħaris skont is-subartikolu (1):

(i) għandha tippreżenta rikors ġuramentat li għandu jkun notifikat lill-partijiet kollha fil-proċedimenti ġudizzjarji;

(ii) għandha tissodisfa lill-Qorti Ċivili li l-entità kwalifikata pprovat tikseb il-waqfien tal-ksur b'konsultazzjoni jew mal-konvenut waħdu jew mal-konvenut u entità kwalifikata oħra u li l-waqfien ma nkisibx fi żmien ġimagħtejn mit-talba għall-waqfien; u

(iii) ma tkunx meħtieġ għaliha li jkollha jew li ġġib prova dwar xi interess fi, jew li tintlaqat mill-kwistjoni jew azzjoni involuta.

(3) Fejn l-entità kwalifikata hija minn Stat Membru ieħor, il-Qorti Ċivili għandha tittratta l-lista ta' entitajiet kwalifikati ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea bħala evidenza konklussiva tal-kapaċità legali tal-entità kwalifikata li tippreżenta tali applikazzjoni bil-miktub f'Malta:

Iżda, sa fejn huwa applikabbli, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw.

Kap. 12.

(4) Fejn l-entità kwalifikata hija minn Malta u tali entità mhix inkluża fil-lista ta' entitajiet kwalifikati ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ċivili, fuq talba tal-entità kwalifikata kkonċernata, għandha tordna lid-Direttur Ġenerali jikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea l-isem u l-għanijiet ta' tali entità u li tali entità kwalifikata għandha tiżdied mal-lista ta' entitajiet kwalifikati sabiex jiffaċilita r-rimedju ta' ksur intrakomunitarji.

(5) Kull persuna li tonqos li tosserva ordni ta' tħaris maħruġ mill-Qorti Ċivili għandha tkun soġġetta għal penali skont l-artikolu 106A(2).

(6) Meta jiġi mitlub ordni ta' tħaris, il-Qorti Ċivili għandha f'kull każ taġixxi malajr kemm jista' jkun possibbli.

(7) Ladarba maħruġ mill-Qorti Ċivili, l-ordni ta' tħaris għandu jidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

(8) Meta jkun qiegħed jitlob il-ħruġ ta' ordni ta' tħaris, id-Direttur Ġenerali ma għandux għalfejn jipprova:

(a) telf jew ħsara attwali, jew

(b) it-traskuraġni, negliġenza jew ħtija attwali min-naħa tal-konvenut.

(9) Qabel il-ħruġ ta' ordni ta' tħaris, il-Qorti Ċivili għandha, kull meta tqisu possibbli u raġonevoli, teħtieġ lill-konvenut jiddikjara jekk huwiex lest li jikkonforma volontarjament ma' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmula taħtu, jew ma' kull liġi oħra li tkun tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi stabbilit mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill, b'Ordni fil-Gazzetta.

(10) Fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili, sabiex telimina jew tnaqqas l-effetti kontinwi ta' nuqqas ta' konformità ma' xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmula taħtu jew ma' kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi msemmi mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill, b'Ordni fil-Gazzetta, tista' tordna lill-konvenut:

(a) jippubblika kopja tal-ordni ta' tħaris, kollha kemm hi jew f'parti minnha u f'dik l-għamla li l-Qorti Ċivili tqis li jkun adatt u adegwat; u, jew

(b) jippubblika dikjarazzjoni korrettiva kif mitlub mill-ordni ta' tħaris għar-rigward ta' kull ksur ta' dan l-Att, kontra regolamenti magħmula taħtu, jew kontra kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi msemmi mill-Ministru wara li jikkonsulta mal-Kunsill, b'Ordni fil-Gazzetta:

Iżda fir-rigward tal-pubblikazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu, il-Qorti Ċivili għandha tordna li l-pubblikazzjoni ssir f'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum u jekk xieraq, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ieħor, bi spejjeż tal-konvenut, wara li jgħaddu għoxrin jum mis-sentenza u sakemm ma jkunx ġie preżentat ebda appell:

Iżda wkoll meta dik il-pubblikazzjoni ma ssirx, kif hawn aktar qabel imsemmi, mill-konvenut, il-Qorti Ċivili għandha tawtorizza lid-Direttur Ġenerali jgħaddi biex jagħmel dik il-pubblikazzjoni huwa nnifsu, u jirkupra l-ispejjeż mingħand il-konvenut.

Proċedura u sentenzi.

12H. (1) Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili għandhom isiru b'mod pubbliku b'kont meħud għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali jew sigriet tan-negozju:

Iżda l-persuna konċernata, id-Direttur Ġenerali, jew il-persuna li tagħmel l-ilment jistgħu jitolbu li jinstemgħu bil-magħluq mill-Qorti Ċivili fejn is-sottomissjonijiet li se jkunu se jsiru jew l-evidenza li tkun se tinġieb hija ta' natura kunfidenzjali jew tinkludi sigrieti kummerċjali:

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, verżjoni kunfidenzjali u waħda mhux kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet u tal-evidenza dokumentarja għandhom jiġu prodotti, u l-Qorti Ċivili għandha tivverifika l-kunfidenzjalità jew in-nuqqas tagħha tal-informazzjoni sottomessa.

(2) Qabel tagħti s-sentenza tagħha, il-Qorti Ċivili tista' tirrikorri għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u għad-deċiżjonijiet u l-istqarrijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inklużi l-interpretazzjonijiet tar-Regolamenti u d-Direttivi Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-konsumatur u tista' wkoll tirreferi għad-deċiżjonijiet tagħha u għad-deċiżjonijiet tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur.

(3) Meta l-Qorti Ċivili ssib li l-konvenut huwa responsabbli ta' ksur jew ta' għadd ta' ksur ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, hija għandha timponi penali skont l-artikolu 106A għal kull ksur.

(4) Bla ħsara għad-dritt ta' appell mogħti bl-artikolu 12I, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili huma finali u jorbtu.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għall-proċeduri ġudizzjarji kollha mmexxija skont dan l-Att quddiem il-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell, u għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi.

Kap. 12.

Appelli quddiem il-Qorti tal-Appell.

12I. Id-Direttur Ġenerali u, jew kull parti fi proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, li jħossuhom aggravati minn sentenza tal-Qorti Ċivili jistgħu jappellaw quddiem il-Qorti tal-Appell, fuq kull punt ta' dritt u, jew ta' fatt, permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta r-rikors tal-appell jiġi notifikat lill-partijiet kollha.".

14. Minnufih wara l-artikolu 12I tal-Att prinċipali għandu jiżdied it-titolu ġdid li ġej:

Żieda ta' titolu ġdid 'Taqsima IIB' mal-Att prinċipali.

"TAQSIMA IIB
Proċedimenti kriminali u dispożizzjonijiet relatati".

Sostituzzjoni tal-artikolu 14A tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 14A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ordnijiet tal-Qorti.

14A. Meta l-qorti jirriżultalha li persuna tkun għamlet reat taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu, il-qorti tista', mingħajr preġudizzju għal kull ordni oħra li tista' tagħmel taħt kull liġi oħra:

(a) tordna r-restituzzjoni ta' kull flus, proprjetà jew korrispettiv ieħor li jkun ingħata mill-konsumatur;

(b) tagħmel ordni ta' twettiq speċifiku kontra dik il-persuna; u

(ċ) tagħmel kull ordni oħra li l-qorti tqis li tkun adattata.".

Tħassir tal-artikoli 14B u 15 tal-Att prinċipali.

16. L-artikoli 14B u 15 tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni tal-artikolu 43D tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 43D tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Rwol tal-Kunsill bħala awtorità regolatorja kompetenti għall-ADR u tal-Qorti Ċivili.

43D. (1) Għajr fejn ġew assenjati kompetenzi lill-Qorti Ċivili b'dan l-Att, il-Kunsill għandu jkun l-awtorità kompetenti u regolatorja tal-ADR u fl-eżerċizzju ta' dan ir-rwol il-Kunsill għandu, b'mod indipendenti u awtonomu, jaqdi l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiddetermina jekk entità hijiex kwalifikata sabiex taġixxi bħala entità tal-ADR;

(b) jissorvelja u jinvestiga l-operat u l-imġiba tal-entitajiet tal-ADR u tal-kummerċjanti;

(ċ) wara li jitwettqu investigazzjonijiet tal-entitajiet tal-ADR u, jew tal-kummerċjanti, li jindikaw, *prima facie,* li kien hemm ksur tal-liġi u tal-obbligazzjonijiet tagħhom fil-liġi, jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji skont it-Taqsima IIA quddiem il-Qorti Ċivili, sa fejn dan ikun applikabbli.

(2) Sakemm mhux xort'oħra stabbilit billiġi, il-Kunsill għandu jirregola l-proċedura tiegħu waqt li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt din it-Taqsima.

(3) Il-Kunsill għandu jwettaq il-funzjonijiet regolatorji tiegħu, deskritti kif deskritti, permezz taċ-*Chairman* u, jew permezz ta' wieħed jew aktar mill-uffiċjali pubbliċi u, jew entità jew entitajiet li minn żmien għal żmien ikunu hekk awtorizzati mill-Kunsill:

Iżda ebda waħda minn dawn il-funzjonijiet ma għandha titwettaq minn entità li ġiet jew li kienet ġiet maħtura sabiex taħdem bħala entità tal-ADR residwa, jew hija jew kienet entità tal-ADR.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 43E tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 43E tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Taqsima XII dwar setgħat investigattivi.

43E. Sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-eżerċizzju tas-setgħat investigattivi tad-Direttur Ġenerali fit-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 102, 103, 104 u 105 għandhom b'mod simili japplikaw ukoll għaċ-*Chairman* tal-Kunsill meta dan jaġixxi biex jissorvelja u jinvestiga l-entitajiet tal-ADR u l-kummerċjanti.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 43F tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 43F tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikazzjoni tat-Taqsima IIA fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Ċivili.

43F. Fir-rigward tal-funzjonijiet tal-Kunsill stabbiliti fl-artikolu 43D(1)(ċ), l-istituzzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji u l-proċess ġudizzjarju relatat għandhom ikunu quddiem il-Qorti Ċivili skont it-Taqsima IIA, sa fejn din tapplika u bl-esklużjoni tar-referenzi li fiha għall-entitajiet kwalifikati.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 43G tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 43G tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li

ġej:

"Setgħa li jsiru regolamenti.

43G. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti fuq kull aspett li jikkonċerna proċeduri dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim konsumatur ma' negozjant, fuq ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Kunsill taħt din it-Taqsima, u fuq il-ħidma aħjar ta' proċeduri tal-ADR bħal dawn, kif ukoll is-setgħa tal-Kunsill li jitlob li l-Qorti Ċivili timponi penali ta' mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000) u, jew ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull ġurnata li fiha jkun hemm nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, u l-proċedura li għandu jsegwi l-Kunsill fil-proċess investigattiv u f'kull proċedura ġudizzjarja sussegwenti quddiem il-Qorti Ċivili.".

Tħassir tal-artikoli 94 sa 101 tal-Att prinċipali.

21. L-artikoli 94 sa 101 tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni tat-titolu 'Taqsima XII' tal-Att prinċipali.

22. It-titolu 'Taqsima XII' tal-Att prinċipali għandu jiġu sostitwit bit-titolu ġdid 'Setgħat investigattivi'.

Emenda tal-artikolu 105 tal-Att prinċipali.

23. Fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 105 tal-Att prinċipali, il-kliem "jirrifjuta jew jonqos milli jagħti informazzjoni kif mitlub taħt din it-Taqsima jew inkella" għandhom jiġu mħassra.

Żieda tat-Taqsima XIIA ġdida fl-Att prinċipali.

24. Minnufih wara l-artikolu 105 tal-Att prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima XIIA ġdida li ġejja:

"Taqsima XIIA

Reati, Penali u dispożizzjonijiet relatati

Reati.

106. Persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu għandha, kemm-il darba ma tiġix preskritta piena oħra għaliha, meta tinsab ħatja teħel multa ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000).

Penali.

106A. (1) Il-Qorti Ċivili għandha timponi penali għal kull ksur fuq kull persuna li tinstab li kisret xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul taħtu.

(2) Penali imposta għal ksur taħt is-subartikolu (1) għandha tkun ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000):

Iżda fil-każ fejn ordni ta' tħaris ma jiġix obdut, il-Qorti Ċivili għandha timponi wkoll penali ta' kuljum ta' mhux inqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u tletin euro (€230), għal kull jum li fih ma jiġix obdut:

Iżda wkoll, f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' digriet tal-Qorti Ċivili li jordna miżuri intermedji, il-Qorti Ċivili għandha timponi wkoll penali ta' kuljum ta' mhux inqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dan in-nuqqas ta' konformità.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-regoli li l-Qorti Ċivili għandha tapplika biex tiddeċiedi dwar il-penali fir-rigward ta' ksur tal-artikoli li hemm riferenza għalihom fit-Tieni Skeda, biex tiddeċiedi l-ammont ta' penali fir-rigward ta' ksur ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, ta' ksur ta' regolamenti magħmula taħt dan l-Att u ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' liġijiet oħra amministrati mid-Direttur Ġenerali, waqt l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha l-Qorti Ċivili għandha tiżgura li l-penali imposti huma effikaċi, proporzjonati u dissważivi.".

Tħassir tal-artikoli 107, 107A, 108, 109, 110B, 110Ċ, 110D, 110E, 110F, 110G u 110H tal-Att prinċipali.

25. L-artikoli 107, 107A, 108, 109, 110B, 110Ċ, 110D, 110E, 110F, 110G u 110H tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni tat-Taqsima XIII tal-Att prinċipali.

26. It-Taqsima XIII tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima XIII
Mixxellanji

Il-Prim Ministru jista' jestendi t-tħaddim tal-artikoli 10, 12, 12A u tat-Taqsimiet IIA, IIB, XII u XIIA għal liġijiet oħra.

111. Il-Prim Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jordna li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 10, 12, 12A u tat-Taqsimiet IIA, IIB, XII u XIIA għandhom japplikaw għal kull reat u, jew ksur ta' kull liġi oħra li tiġi amministrata mid-Direttur Ġenerali, jew taħt kull liġi li biha jiġu stabbiliti l-ogħla prezzijiet għal oġġetti jew servizzi, jew li biha jiġu stabbiliti l-inqas livelli għal oġġetti jew servizzi.

Rifużjoni ta' flejjes imħallsa.

112. Parteċipanti, għajr dawk li jistabbilixxu, iħaddmu jew iġibu 'l quddiem skemi ta' bejgħ piramidali skont ir-regola 14 tal-Ewwel Skeda, għandu jkollhom d-dritt li mhux aktar tard minn sentejn mid-data li fiha għamlu l-aħħar pagament li jibdew azzjoni quddiem il-qrati ordinarji sabiex jitolbu rifużjoni sħiħa tal-ammonti kollha mħallsa minnhom lill-iskema.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

113. Ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra d-Direttur Ġenerali jew xi uffiċjal tiegħu jew xi persuna awtorizzata li tkun qed taġixxi taħt id-direzzjoni jew kontroll tiegħu, jew kontra xi membru tal-Kunsill, għal xi att jew ommissjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' dan l-Att, jew ma' regolamenti magħmulin taħtu, sakemm dak l-att jew ommissjoni ma jkunux ġew magħmula b'*mala fede*.

Preskrizzjoni għall-proċedimenti ġudizzjarji u għar-reati.

114. L-istituzzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji u l-prosekuzzjoni ta' reati taħt dan l-Att jew kull regolament magħmul taħtu għandu jkun preskritt wara l-iskadenza ta' ħames snin mid-data li fiha l-ksur jew ir-reat jiġi allegat li twettaq.

Ebda mandat kawtelatorju.

115. L-ebda mandat kawtelatorju jew xi ordni ieħor taħt xi liġi oħra ma għandhom jinħarġu minn xi qorti jew tribunal li jkun iżomm jew jirrestrinġi lid-Direttur Ġenerali milli fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att u taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.".

Kap. 510.

27. L-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda tal-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali.

(a) fir-regola 4 tagħha, il-kliem "/a"; "/issostni"; "/ha"; "tikkonforma"; u "/ha" għandhom jiġu mħassra; u

(b) fir-regola 5 tagħha, il-kelma "/a" kull fejn tidher; u l-kliem "tagħmel"; "/ha"; "/temmen"; "/oħra" u "/tforni" għandhom jiġu mħassra.

28. It-Tieni Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Emenda tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA
(Artikolu 106A(3))

Penali

1. Meta tkun qiegħda tiddeċiedi l-ammont tal-penali skont l-artikolu 106A, fir-rigward tal-artikoli msemmija f'din l-Iskeda u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106A(3), il-Qorti Ċivili għandha tkun immexxija wkoll mill-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

Ksur skont l-artikolu 51F

2. Għal kull ksur taħt l-artikolu 51F, l-ammont bażiku tal-penali għandu jkun ta' elfejn, tliet mija u ħamsin euro (€2,350):

Iżda l-Qorti Ċivili tista', meta tkun qiegħda tistabbilixxi l-penali, tqis ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal żieda jew tnaqqis ta' dak l-ammont bażiku:

Iżda wkoll il-Qorti Ċivili għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' valutazzjoni komprensiva li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

3. Il-Qorti Ċivili tista' timponi penali ogħla mill-ammont bażiku fejn hemm ċirkostanzi aggravanti, meta tqis il-gravità u d-dewmien tal-ksur u, jew l-ammont ta' qligħ magħmul b'mod mhux xieraq bħala riżultat tal-ksur.

4. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tar-regola 3, dawn li ġejjin għandhom dejjem jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

- fejn il-ksur huwa prattika kummerċjali li mhux ġusta inkluża fl-Ewwel Skeda, l-ammont bażiku għandu jiżdied b'somma li mhix inqas minn elf, seba' mija u ħamsin euro (€1,750) u mhux aktar minn erbat elef,

sitt mija u ħamsin euro (€4,650);

- f'każ tat-tieni ksur jew ksur sussegwenti, l-ammont bażiku għandu jiżdied b'elfejn, tliet mija u ħamsin euro (€2,350) għal kull ksur sussegwenti;

- fejn il-prattika jew l-iskema li tikkostitwixxi l-ksur hija l-mezz prinċipali li biha l-kummerċjant imexxi jew jopera l-kummerċ tiegħu, l-ammont bażiku għandu jiżdied b'somma li mhix inqas minn elf, seba' mija u ħamsin euro (€1,750) u mhux aktar minn erbat elef, sitt mija u ħamsin euro (€4,650);

- fejn il-prattika jew l-iskema li tikkostitwixxi l-ksur qiegħda speċifikatament timmira għall-konsumaturi li huma vulnerabbli, l-ammont bażiku għandu jiżdied b'elfejn, tliet mija u ħamsin euro (€2,350);

- fejn il-prattika kummerċjali mhux ġusta hija akkumpanjata minn xi wieħed mill-fatturi msemmija fl-artikolu 51E(2) tal-Att, l-ammont bażiku għandu jiżdied b'somma li mhix anqas minn elf, seba' mija u ħamsin euro (€1,750) u mhux aktar minn erbat elef, sitt mija u ħamsin euro (€4,650).

5. L-ammont bażiku tal-penali jista' jitnaqqas fejn il-Qorti Ċivili ssib li hemm ċirkostanzi mitiganti, b'mod partikolari:

   - fejn il-konvenut jipprovdi evidenza li hu waqqaf il-prattika kummerċjali mhux ġusta li tikkostitwixxi l-ksur malli d-Direttur Ġenerali beda l-investigazzjonijiet taħt l-artikolu 12 tal-Att, l-ammont bażiku jitnaqqas b'mhux aktar minn għoxrin fil-mija;

   - fejn il-konvenut jipprovdi evidenza li ħadet il-passi adegwati sabiex tnaqqas l-effetti negattivi tal-ksur, l-ammont bażiku jitnaqqas b'mhux aktar minn għaxra fil-mija.

6. L-ammont finali tal-penali għal kull ksur ma għandux, f'kull każ, jeċċedi s-sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000) jew ikun anqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470).

Ksur skont l-artikolu 12A

7. Għall-ksur imsemmi fl-artikolu 12A, l-ammont tal-penali ma għandux ikun anqas minn erbat elef, sitt mija u ħamsin euro (€4,650) u ma għandux ikun aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u ħamsin euro (€11,650).

Ksur skont l-artikolu 12E

8. Għall-ksur imsemmi fl-artikolu 12E, l-ammont tal-penali ma għandux ikun anqas minn erbat elef, sitt mija u ħamsin euro (€4,650) u ma għandux ikun aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u ħamsin euro (€11,650):

Iżda fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' digriet tal-Qorti Ċivili li jordna miżuri intermedji, il-Qorti Ċivili għandha timponi wkoll penali kwotidjana li ma tkunx anqas minn mija u għoxrin euro (€120) u ma tkunx aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm in-nuqqas ta' konformità.

Ksur skont l-artikolu 12G

9. Għall-ksur imsemmi taħt l-artikolu 12G, l-ammont tal-penali ma għandux ikun anqas minn erbat elef, sitt mija u ħamsin euro (€4,650) u ma għandux ikun aktar minn tlieta u għoxrin elf u tliet mitt euro (€23,300):

Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris il-Qorti Ċivili għandha timponi wkoll penali kwotidjana li ma tkunx anqas minn mija u għoxrin euro (€120) u ma tkunx aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm in-nuqqas ta' konformità.".

Taqsima III
Emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni

Emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni. Kap. 379.

29. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kompetizzjoni, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

30. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Awtorità Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur" kif imwaqqfa fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;";

Kap. 510.

(b) it-tifsira "President" għandha tiġi mħassra;

(ċ) minnufih wara t-tifsira "prodott" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; u

L.S. 12.19.

(d) it-tifsira "Tribunal tal-Appell" għandha tiġi mħassra.

Sostituzzjoni tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

31. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali u l-Qorti.

3. Id-Direttur Ġenerali u l-Qorti għandhom ikollhom il-kompetenza esklussiva sabiex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dan il-għan, id-Direttur Ġenerali għandu jeżerċita r-responsabbiltajiet vestiti fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni taħt l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u taħt dan l-Att, ħlief meta l-kompetenzi jkunu assenjati lill-Qorti b'dan l-Att u bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur:

Kap. 510.

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jiddelega xi setgħa minn tiegħu lil kull uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

32. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali, fit-test Ingliż biss, il-kelma "general" wara l-kliem "Board" għandha titħassar u l-kelma "form" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "from".

Emenda tal-artikolu 11A tal-Att prinċipali.

33. Is-subartikoli (3) u (5) tal-artikolu 11A tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra u s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (3).

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

34. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "għad-dmir tas-sigriet professjonali." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għad-dmir tas-sigriet professjonali:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll waqt li investigazzjoni tkun għaddejja, meta persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi tirrispondi għal mistoqsijiet li jsiru mill-Uffiċċju, kemm jekk bil-miktub u kemm jekk bil-fomm, dik il-persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi ma għandhiex tkun obbligata li tagħti xi risposta li tista' tinvolvi ammissjoni dwar l-eżistenza ta' ksur min-naħa tagħha tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att, u, jew l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, imma hija f'kull każ obbligata li tirrispondi għal mistoqsijiet dwar fatti u tipprovdi dokumenti";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Meta jibgħat talba għall-informazzjoni lil intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi, id-Direttur Ġenerali għandu jispeċifika l-bażi legali u l-għan ta' dik it-talba, jispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa u jiffissa terminu ta' żmien li fih dik l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta.";

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "it-Tribunal tal-Appell jew quddiem xi qorti tal-ġustizzja:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti u quddiem xi qorti tal-ġustizzja oħra:";

(d) is-subartikolu (7)(a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7)(a) Id-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu u, jew kull persuna oħra awtorizzata jew imqabbda mid-Direttur Ġenerali debitament awtorizzata b'mandat maħruġ minn Maġistrat, jista', għall-finijiet ta' kull investigazzjoni skont dan l-artikolu, jidħol u jagħmel tfittxija f'kull fond, art jew mezz ta' trasport meta d-Direttur Ġenerali jkollu għalfejn jaħseb li tista' tinstab informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni, u waqt kull tfittxija bħal dik id-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu, għandhom is-setgħa li:

(i) jispezzjonaw u jeżaminaw kull oġġett jew dokument;

(ii) jaqbdu u jikkonfiskaw kull oġġett jew dokument, jew jieħdu estratti jew kopji ta' dokumenti;

(iii) jirrikjedu li kull informazzjoni li hija maħżuna f'*computer* jew f'kull oġġett jew apparat ieħor li huwa aċċessibbli mill-fond, art jew mezz ta' trasport, u li d-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu jqisu rilevanti għall-investigazzjoni, jiġi mogħti lilhom f'għamla li tista' tinġarr u li tkun tidher u tinqara;

(iv) jordnaw li oġġetti jew dokumenti ma jiġux imneħħija minn dak il-fond, art jew mezz ta' trasport;

(v) jagħlqu u jissiġillaw xi parti jew il-partijiet kollha ta' dak il-fond, art jew mezz ta' trasport, jew jissiġillaw xi oġġett;

(vi) jistaqsu lil kull rappreżentant jew membru tal-persunal tal-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi konċernati għal spjegazzjoni ta' kwalunkwe fatt jew dokument relatat mas-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni, jew jiddikjaraw skont l-aħjar għarfien tagħhom fejn jinstabu dawk id-dokumenti u jniżżlu t-tweġibiet;

(vii) jieħdu kull pass li jidhrilhom neċessarju sabiex jikkonservaw kull oġġett jew dokument jew sabiex jipprevjenu kwalunkwe interferenza ma' dak l-oġġett jew dokument.";

(e) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-Maġistrat, meta jiddeċiedi jekk joħroġx mandat skont is-subartikolu (7)(a) għandu jiżgura li l-miżuri koersivi maħsuba la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi, b'konsiderazzjoni mogħtija, b'mod partikolari għall-gravità tas-suspettat ksur ta' liġi, għall-importanza tal-provi mfittxija, għall-involviment tal-intrapriża jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati u għall-probabbiltà raġonevoli li xi oġġett, dokument jew *record* relatat mas-suġġett tal-ispezzjoni jkun miżmum fil-fond, art jew mezz tat-trasport li dwarhom ikun intalab il-mandat:

Iżda meta jkun qiegħed jiddeċiedi jekk joħroġx mandat skont is-subartikolu (7)(a), il-Maġistrat jista' wkoll jikkunsidra l-possibbiltà li f'każ li jkun id-Direttur Ġenerali li jkun qiegħed jitlob dawk l-oġġetti, dokumenti jew *records*, dawn ma jiġux prodotti, imma minflok jiġu moħbija, imneħħija, imbagħbsa jew distrutti.";

(f) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Il-mandat imsemmi fis-subartikolu (7)(a) għandu jispeċifika s-suġġett, l-għan tal-ispezzjoni, id-data li fiha l-ispezzjoni ser tibda u l-penalitajiet rilevanti pprovduti fl-artikolu 21.";

(ii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Is-setgħat mogħtija bl-artikolu 12(7)(a) għandhom jiġu eżerċitati mid-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu u, jew xi persuna awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali, wara t-turija ta' mandat maħruġ skont dak l-artikolu.";

(iii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) Id-Direttur Ġenerali u, jew kull wieħed mill-uffiċjali tiegħu u, jew kull persuna awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali sabiex tidħol fil-fond, art jew mezz ta' trasport bis-saħħa ta' mandat maħruġ skont is-subartikolu (7)(a), tista' tieħu magħha dak l-apparat li jidhrilha li jkun neċessarju.";

(iv) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(g) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Fil-kors ta' kull tfittxija kif imsemmija fis-subartikolu (7), id-Direttur Ġenerali u, jew kull wieħed mill-uffiċjali tiegħu u, jew persuna awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali, jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Pulizija u f'dak il-każ il-Pulizija għandhom jeħtieġu mandat maħruġ mill-Maġistrat sabiex jassistu lid-Direttur Ġenerali f'dik it-tfittxija.";

(h) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(11) Fil-kors tal-ispezzjoni taħt dan l-artikolu, l-intrapriżi jew l-għaqda ta' intrapriżi jew persuni soġġetti għall-ispezzjoni jistgħu jiġu assistiti minn rappreżentant legali tal-għażla tagħhom:

Iżda l-uffiċjali jistgħu jistennew għal ħin raġonevoli qabel ma jibdew l-ispezzjoni, sabiex ir-rappreżentant legali jasal u f'dak il-ħin, l-uffiċjali jistgħu jieħdu kull miżura meħtieġa sabiex jipprevjenu milli jsir xi tbagħbis potenzjali fl-evidenza jew sabiex jipprevjenu l-possibbiltà ta' komunikazzjoni li biha intrapriżi oħra jiġu infurmati li tkun għaddejja investigazzjoni:

Iżda wkoll id-dritt għal din l-assistenza jista' jdewwem imma ma għandux ikollu l-effett li jissospendi l-ispezzjoni."; u

(i) is-subartikolu (13) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(13) L-ebda tfittxija ma tista' tibda f'xi fond, art jew mezz ta' trasport wara s-sebgħa ta' filgħaxija u qabel is-sebgħa ta' filgħodu tal-għada, kemm-il darba ma jkunx hemm għalfejn wieħed jaħseb li d-dewmien ikun jista' jwassal għat-telfien ta' informazzjoni meħtieġa u dik it-tfittxija hija espressament awtorizzata mill-Maġistrat sabiex issir bejn l-imsemmija ħinijiet.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali.

35. L-artikolu 12A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kontenut tar-rikors ġuramentat.

12A. (1) Meta, wara investigazzjoni, id-Direttur Ġenerali jirriżultalu li seta' seħħ ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew ksur tal-Artikolu 101 u, jew 102 tat-TFUE, huwa għandu jippreżenta rikors ġuramentat fil-Qorti.

(2) Ir-rikors ġuramentat imsemmi fis-subartikolu (1) għandu:

(a) Iniżżel il-fatti li wasslu lid-Direttur Ġenerali jsib suspettat ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew suspettat ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE;

(b) Fejn ikun xieraq, jinkludi talba tad-Direttur Ġenerali lill-Qorti sabiex tagħti sentenza u ssib li kien hemm ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati;

(ċ) Jinkludi talba tad-Direttur Ġenerali lill-Qorti għall-impożizzjoni ta' penali, u, jew kull rimedju ieħor fuq l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, kif inhu kkontemplat f'dan l-Att:

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' wkoll jindika l-ammont speċifiku tal-penali jew fir-rikors ġuramentat tiegħu jew permezz ta' nota ppreżentata fil-Qorti tul il-proċedimenti:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, fejn hu applikabbli, japplikaw ukoll għar-rikors ġuramentat.

Kap. 12.

(3) B'żieda ma' dak miġjub hawn fuq, id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jinkludi rapport bil-lingwa Maltija jew dik Ingliża dwar ir-riżultanzi tal-investigazzjoni mwettqa minnu.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12A(1), id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jippreżenta rikors ġuramentat li fih jitlob l-impożizzjoni ta' penali kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati f'dawk iċ-ċirkostanzi kollha skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21.

(5) L-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi li kontra tagħha jiġi ppreżentat ir-rikors ġuramentat, għandha, fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, tippreżenta risposta ġuramentata u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw.

Kap. 12.

(6) Waqt il-proċedimenti tal-Qorti, l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati li jkunu ġew notifikati bir-rikors ġuramentat, għandhom, fuq talba magħmula għal dan il-għan fir-risposta ġuramentata tagħhom, ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl dwar l-investigazzjoni tal-każ tagħhom, bla ħsara għan-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni jew dokumenti identifikati mid-Direttur Ġenerali li jkun fihom sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra, jew dokumenti interni tad-Direttur Ġenerali jew tal-Awtoritajiet dwar il-Kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra. Id-Direttur Ġenerali għandu jipprovdi aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni f'kull żmien qabel l-għeluq tal-provi.

(7) Fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tiegħu, id-Direttur Ġenerali għandu jirrikorri għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għad-deċiżjonijiet u stqarrijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inkluż avviżi interpretattivi dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni sekondarja relattiva għall-kompetizzjoni u jista' jirrikorri għad-deċiżjonijiet tiegħu u għal dawk tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12B tal-Att prinċipali.

36. L-artikolu 12B tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"Proċedura ta' riżoluzzjoni.

12B. (1) Id-Direttur Ġenerali flimkien ma' kwalunkwe intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi għandhom id-dritt jitolbu, kemm fl-istadju tal-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew fi stadju ulterjuri meta d-Direttur Ġenerali jippreżenta rikors ġuramentat kontra l-intrapriża u, jew kontra l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, li l-investigazzjoni jew il-proċedimenti quddiem il-Qorti, skont il-każ, jiġu terminati permezz ta' proċedura ta' riżoluzzjoni li tkun tinkludi l-impożizzjoni ta' penali mill-Qorti, kif jinstab fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) It-terminazzjoni tal-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew it-terminazzjoni tal-proċedimenti quddiem il-Qorti permezz ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu mogħtija b'sentenza tal-Qorti fuq talba konġunta tad-Direttur Ġenerali u l-intrapriża, u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati u li fiha d-Direttur Ġenerali u l-intrapriża, u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jaqblu li l-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew il-proċedimenti quddiem il-Qorti, skont il-każ, jiġu terminati permezz ta' proċedura ta' riżoluzzjoni, li tinkludi l-impożizzjoni ta' penali minn din l-imsemmija Qorti:

Iżda mhux l-intrapriżi kollha u, jew l-għaqda ta' intrapriżi kollha li jkunu taħt investigazzjoni jew li jkunu soġġetti għal proċedimenti quddiem il-Qorti għandhom jaqblu li joqogħdu għal proċedura ta' riżoluzzjoni.

(3) It-talba konġunta msemmija fis-subartikolu (2) għandha ssir permezz ta' rikors konġunt ippreżentat il-Qorti:

Iżda l-Qorti għandha tkun sodisfatta li r-rekwiżiti kollha tas-subartikolu (7) huma riflessi fir-rikors konġunt:

Iżda wkoll, wara li l-Qorti tikkunsidra li l-ħtiġiet tas-subartikolu (7) ikunu sodisfatti kollha, il-Qorti għandha tappunta seduta għas-smigħ sabiex tikkonferma li l-intrapriża, u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati ma humiex qed jikkontestaw il-kontenut tas-sottomissjonijiet riżoluttivi u li l-partijiet kollha konċernati qegħdin jesprimu l-volontà tagħhom bla ebda kondizzjoni li jitterminaw l-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew li jitterminaw il-proċedimenti quddiem il-Qorti permezz tal-proċedura tar-riżoluzzjoni, u wara din is-seduta, il-Qorti għandha tagħti sentenza abbażi tar-rikors konġunt.

(4) Waqt il-kors tal-investigazzjoni dwar allegat ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' l-Att u, jew allegat ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, id-Direttur Ġenerali jista' qabel ma jippreżenta rikors ġuramentat fil-Qorti skont l-artikolu 12A tal-Att, meta huwa jqis xieraq għall-konklużjoni effiċjenti u spedjenti tal-investigazzjoni, jistieden lil ftit minn, waħda jew kull waħda mill-intrapriżi konċernati u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, sabiex jindikaw bil-miktub, fit-terminu ffissat minnu, jekk huma għandhomx il-ħsieb illi jidħlu f'diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni bil-għan li possibbilment jintroduċu sottomissjonijiet riżoluttivi:

Iżda d-Direttur Ġenerali ma għandux ikun obbligat jikkunsidra r-risposti li jirċievi wara li jgħaddi dak iż-żmien iffissat minnu:

Iżda wkoll, f'kull żmien waqt li tkun għaddejja investigazzjoni, kull intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati tista' wkoll titlob li tidħol f'diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni mad-Direttur Ġenerali:

Iżda wkoll, id-deċiżjoni rigward meta għandhom jinbdew id-diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni tkun fil-kompetenza esklussiva tad-Direttur Ġenerali.

(5) Jekk id-Direttur Ġenerali jiżgura li jkun sar progress suffiċjenti fid-diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni, id-Direttur Ġenerali għandu jistieden lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, sabiex iressqu s-sottomissjonijiet riżoluttivi tagħhom permezz ta' rikors konġunt li għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti f'dak iż-żmien iffissat mid-Direttur Ġenerali, bil-għan li jikkonkludu l-proċedura ta' riżoluzzjoni:

Iżda qabel ma d-Direttur Ġenerali jiffissa żmien sabiex jintroduċu s-sottomissjonijiet riżoluttivi, l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jistgħu jiġu infurmati bl-elementi prinċipali tas-suspettat ksur, li jikkonsistu f'dan li ġej:

(i) l-evidenza misjuba;

(ii) l-evalwazzjoni ġuridika tal-fatti; u

(iii) l-ammont speċifiku tal-penali li jkun ser jiġi mitlub mid-Direttur Ġenerali fir-rikors konġunt:

Iżda wkoll qabel ma d-Direttur Ġenerali jiffissa żmien sabiex l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi jressqu s-sottomissjonijiet riżoluttivi, l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jista' jkollhom aċċess limitat għall-fajl tal-investigazzjoni dwar il-każ tagħhom, liema aċċess jingħata biss sa dak il-punt li d-Direttur Ġenerali jqis raġonevoli, tenut kont l-għanijiet tal-proċedura ta' riżoluzzjoni. Jekk jingħata aċċess għall-fajl, id-Direttur Ġenerali għandu jagħti aċċess parzjali għall-fajl tal-każ billi jipprovdi verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' kull dokument speċifikat u aċċessibbli kif imniżżel fil-fajl tal-każ f'dak iż-żmien:

Iżda wkoll, qabel ma d-Direttur Ġenerali jiffissa żmien għall-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi sabiex jintroduċu s-sottomissjonijiet riżoluttivi tagħhom, l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom fuq l-allegat ksur u jagħmlu osservazzjonijiet:

Iżda wkoll, jekk l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi tonqos milli tressaq is-sottomissjonijiet riżoluttivi fiż-żmien iffissat mid-Direttur Ġenerali, għandu jitqies illi l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi rtirat mill-proċedura ta' riżoluzzjoni.

(6) Id-dokumenti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-Direttur Ġenerali u l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati waqt il-proċedura ta' riżoluzzjoni huma kunfidenzjali:

Iżda l-informazzjoni mogħtija skont is-subartikolu (5) għandha tkun kunfidenzjali fir-rigward ta' terzi persuni, ħlief meta d-Direttur Ġenerali ma jkunx ta awtorizzazzjoni espliċita minn qabel għall-iżvelar:

Iżda wkoll, id-dokumenti skambjati jkunu aċċessibbli biss għal intrapriżi u, jew għaqdiet ta' intrapriżi oħrajn li jkunu qegħdin jiġu investigati jew li jkunu ġew notifikati b'rikors ġuramentat skont l-artikolu 12A, jekk in-nuqqas ta' aċċess għal dawn id-dokumenti jostakola d-drittijiet tad-difiża ta' din l-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati.

(7) Is-sottomissjonijiet riżoluttivi li jridu jiġu inklużi fir-rikors konġunt għandhom ikollhom dikjarazzjoni volontarja mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, li jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(a) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati li b'mod ċar u inekwivokabbli tammetti l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur kif ukoll ir-responsabbiltà tagħha fir-rigward tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE;

(b) deskrizzjoni fattwali u fil-qosor tal-imġiba tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati, tal-għan tal-imġiba u tal-mod li bih din ġiet eżegwita, id-dewmien tagħha u sa fejn l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati kienu involuti;

(ċ) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati li biha tiddikjara li taċċetta l-ammont massimu tal-penali li qiegħed jintalab mid-Direttur Ġenerali fir-rikors konġunt;

(d) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati fis-sens illi hija kienet infurmata b'mod suffiċjenti mid-Direttur Ġenerali rigward l-elementi prinċipali tas-suspettat ksur li jinstab fis-subartikolu (5) u dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi li hija ġiet mogħtija l-opportunità suffiċjenti li tiġi mismugħa mid-Direttur Ġenerali u li tagħtih il-fehmiet tagħha;

(e) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati li hija se tirrinunzja għad-dritt tagħha għal aċċess ulterjuri jew sħiħ tal-fajl tal-investigazzjoni rigward il-każ tagħha;

(f) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati li tinkludi rinunzja tad-dritt ta' appell jew ta' kontestazzjoni fi kwalunkwe mod tal-proċedura ta' riżoluzzjoni jew is-sentenza tal-Qorti, inkluż il-penali; u

(g) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati li hija taqbel mal-kontenut tas-sottomissjonijiet riżoluttivi u li hija taqbel li għandu jiġi ppreżentat rikors konġunt fil-Qorti mad-Direttur Ġenerali sabiex jittermina l-investigazzjoni jew il-proċedimenti, skont il-każ, permezz ta' riżoluzzjoni, u sabiex jitlob lill-Qorti sabiex tagħti sentenza skont is-sottomissjonijiet riżoluttivi:

Iżda flimkien mas-sottomissjonijiet riżoluttivi, ir-rikors konġunt għandu jinkludi wkoll dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali li fiha:

(i) jaqbel mas-sottomissjonijiet riżoluttivi tal-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati;

(ii) jispeċifika l-ammont tal-penali li jkun qiegħed jitlob li tiġi imposta fuq l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati; u

(iii) jitlob lill-Qorti tagħti sentenza li biha tittermina l-proċedimenti permezz ta' riżoluzzjoni abbażi tas-sottomissjonijiet riżoluttivi tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi konċernati kif miġjuba fir-rikors konġunt, u jitlob lill-Qorti timponi l-ammont tal-penali kif mitlub mid-Direttur Ġenerali.

(8) Id-diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni jistgħu wkoll jiġu proposti flimkien mill-partijiet fi stadju aktar tard, wara li jkun diġà ġie ppreżentat rikors ġuramentat mid-Direttur Ġenerali fil-Qorti:

Iżda l-Qorti tista' tiddifferixxi żewġ seduti sabiex f'dak iż-żmien il-partijiet ikunu jistgħu jippruvaw jirrisolvu t-tilwima billi jippreżentaw rikors konġunt kif imsemmi fis-subartikolu (3):

Iżda wkoll, jekk id-Direttur Ġenerali u, jew l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati tonqos milli tippreżenta rikors konġunt fiż-żmien tad-differiment taż-żewġ seduti kif mogħti mill-Qorti, il-proċedimenti kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati għandhom jitkomplew skont dak l-istadju li jkunu waslu fih il-proċedimenti quddiem il-Qorti.

(9) Jekk l-intrapriża, u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati taqbel li tittermina l-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew li tittermina l-proċedimenti quddiem il-Qorti permezz ta' riżoluzzjoni, billi tippreżenta rikors konġunt flimkien mad-Direttur Ġenerali, id-Direttur Ġenerali għandu jippremja lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi għal dik ir-riżoluzzjoni billi jnaqqas l-ammont tal-penali mitluba lill-Qorti kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi bil-perċentwali ta' bejn għaxra fil-mija u ħamsa u tletin fil-mija.

(10) Id-Direttur Ġenerali jista' jiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tiegħu f'kull żmien waqt id-diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni, li jwaqqaf il-proċedura ta' riżoluzzjoni għalkollox f'każ speċifiku jew fir-rigward ta' wieħed jew aktar mill-partijiet involuti, jekk, pereżempju:

(a) l-effiċjenzi proċedurali x'aktarx mhux ser jintlaħqu; jew

(b) is-sottomissjonijiet riżoluttivi ma jkunx fihom ir-rekwiżiti kollha msemmija fis-subartikolu (7); jew

(ċ) l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi ma jkollhomx l-intenzjoni sinċiera sabiex jirrisolvu l-każ jew ma jikkoperawx jew jiksru l-obbligu ta' kunfidenzjalità billi jiżvelaw lil xi terza persuna, il-kontenut tal-laqgħat tar-riżoluzzjoni li jinżammu mad-Direttur Ġenerali jew tal-kontenut tad-dokumenti li għalihom jingħata l-aċċess:

Iżda fil-każ meta d-Direttur Ġenerali jwaqqaf id-diskussjonijiet ta' riżoluzzjoni għal kwalunkwe raġuni kif imniżżel f'dan is-subartikolu, jew f'każ li fih l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, jirtiraw jew iwaqqfu l-proċedura ta' riżoluzzjoni kif imniżżel fis-subartikoli (5) u (8), il-każ jitkompla minn dak l-istadju li fih l-investigazzjoni jew il-proċedimenti jkunu waslu.

(11) Jekk il-proċedura ta' riżoluzzjoni ma titkompliex mid-Direttur Ġenerali jew mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati waqt li għaddejja investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew waqt proċedimenti quddiem il-Qorti meta huma kienu qegħdin jipprovaw jirrisolvu t-tilwima, kull informazzjoni u dokument provdut mill-intrapriża, u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati waqt il-proċeduri ta' riżoluzzjoni ma jistgħux jintużaw bħala evidenza sabiex jiġi pprovat ksur tal-artikoli 5, u, jew 9 tal-Att, u, jew ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jew partijiet oħra fl-investigazzjoni quddiem kull qorti tal-ġustizzja oħra:

Iżda d-dispożizzjoni ta' dan is-subartikolu hija mingħajr ħsara għas-subregolament (4)(ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Ksur tal-Liġi tal-Kompetizzjoni (Azzjonijiet għad-Danni) li jinsabu fl-Iskeda:

Iżda wkoll id-dokumenti u, jew l-informazzjoni li kienu diġà fil-pussess tal-Uffiċċju qabel ma ġew ippreżentati mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, u kull informazzjoni li tista' tkun mitluba mill-Uffiċċju skont l-artikolu 12 tal-Att, jistgħu jintużaw bħala evidenza mill-Uffiċċju u quddiem kull qorti tal-ġustizzja sabiex jinstab ksur tal-artikoli 5, u, jew 9 tal-Att, u, jew ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE kontra l-intrapriża, u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati jew kontra partijiet oħra fl-investigazzjoni.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali.

37. L-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Rabtiet.

12Ċ. (1) Minflok tagħti sentenza li ssib ksur skont l-artikolu 13(1), il-Qorti tista' tagħti sentenza li tiddikjara li r-rabtiet offruti mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati involuta fi ksur suspettat ikunu vinkolanti, u dan jekk ir-rabtiet huma tali li jwasslu sabiex is-suspettat ksur jiġi tterminat u meta dawk ir-rabtiet jilħqu t-tħassib dwar il-kompetizzjoni espressi f'dak il-każ:

Iżda meta tagħti sentenza, il-Qorti ma għandha timponi ebda penali u ma għandhiex tispeċifika jekk kienx hemm ksur tal-artikoli 5, u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE.

(2) Ir-rabtiet ma japplikawx meta s-suspettat ksur jikkonċerna kartelli sigrieti jew kull xort'oħra ta' ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma li jinvolvu l-iffissar tal-prezzijiet, il-qsim tas-suq jew limitazzjoni tal-produzzjoni:

Iżda fil-każijiet kollha l-oħra, il-Qorti għandha tevalwa każ b'każ wara li tikkunsidra s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet fil-proċedimenti, u kull kumment ta' terza persuna kif jinstab fis-subartikolu (5) dwar jekk ir-rabtiet humiex l-aktar miżuri xierqa sabiex jiġi indirizzat is-suspettat ksur f'dak il-każ partikolari.

(3) Is-sentenza tista' tipprovdi li dawk ir-rabtiet jistgħu jiġu adottati għal perjodu speċifiku ta' żmien u għandha tikkonkludi li ma jkunx hemm bażi għalfejn id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi kontra l-intrapriża, u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati.

(4) Meta l-Qorti jkollha l-intenzjoni li tagħti sentenza skont is-subartikolu (1) u taċċetta r-rabtiet proposti, hija għandha tfittex il-fehmiet tal-parteċipanti tas-suq billi tippubblika, fuq il-Gazzetta, taqsira konċiża tal-każ u l-kontenut prinċipali tar-rabtiet jew tal-pjan ta' azzjoni propost, b'kunsiderazzjoni tal-interessi leġittimi tal-intrapriżi kif ukoll tal-protezzjoni ta' sigrieti tan-negozju u informazzjoni kunfidenzjali oħra.

(5) Kull parti interessata tista' tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha fil-proċess tal-kawża f'dak iż-żmien iffissat mill-Qorti fil-pubblikazzjoni tagħha:

Iżda d-Direttur Ġenerali u l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati għandhom jiġu nnotifikati u għandhom jingħataw kopja tal-kummenti ta' terzi persuni.

(6) Il-Qorti għandha terġa' tiftaħ il-proċedimenti fuq rikors ġuramentat tad-Direttur Ġenerali, biss meta:

(a) ikun hemm bidla materjali fi kwalunkwe fatt li fuqu ġiet ibbażata s-sentenza; jew

(b) l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati mxew kontra r-rabtiet tagħhom; jew

(ċ) is-sentenza kienet ibbażata fuq tagħrif mhux komplut, mhux korrett jew qarrieqi mogħti mill-intrapriża, u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati.".

38. L-artikolu 12D tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Tħassir tal-artikolu 12D tal-Att prinċipali.

39. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li Sostituzzjoni tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

ġej:

"Sejbien ta' ksur mill-Qorti.

13. (1) Il-Qorti tista' tagħti sentenza li biha ssib li seħħ ksur tal-artikoli 5, u, jew 9 tal-Att, u, jew ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE.

(2) Jekk meta tisma' l-każ, il-Qorti ma ssibx ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att, hija għandha tagħti sentenza għal dan il-għan:

Iżda jekk il-Qorti tikkonkludi li s-suspettat ksur ma jinvolvix ksur tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, il-Qorti għandha tiddikjara fis-sentenza tagħha li ma hemmx bażi għal azzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 13A tal-Att prinċipali.

40. L-artikolu 13A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija u Ordni ta' Konformità.

13A. (1) Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tista' toħroġ ordni ta' waqfien u ebda tkomplija li bih tordna lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi konċernati sabiex tieqaf u ma tkomplix tipparteċipa f'tali ftehim, deċiżjoni, prattika jew imġiba, u, jew toħroġ ordni ta' konformità li tippreskrivi ir-rimedji fl-imġiba jew rimedji ta' struttura indirizzati lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi konċernati bil-għan li jwaqqfu l-ksur b'mod immedjat u effettiv.

(2) Kull rimedju fl-imġiba jew rimedju ta' struttura indikat f'ordni ta' konformità għandu jkun proporzjonat għall-ksur li jkun sar meħtieġ sabiex iwaqqaf il-ksur b'mod effettiv.

(3) Ir-rimedji ta' struttura indikati f'ordni ta' konformità jistgħu jkunu imposti biss meta ma jkun hemm ebda rimedju fl-imġiba li jkun daqstant effettiv jew meta xi rimedju fl-imġiba li jkun daqstant effettiv ikun aktar ta' piż għall-intrapriża involuta mir-rimedju ta' struttura.".

Żieda ta' artikolu 13B ġdid mal-Att prinċipali.

41. Minnufih wara l-artikolu 13A tal-Att prinċipali għandu

jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Proċedura quddiem il-Qorti u appelli mid-deċiżjonijiet tagħha.

13B. (1) Id-Direttur Ġenerali u kull parti fil-proċedimenti quddiem il-Qorti li jħossuhom aggravati bis-sentenza tal-Qorti mogħtija skont dan l-Att, jistgħu jappellaw fuq punti ta' dritt u, jew ta' fatt quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza ta' dik il-qorti:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tan-notifika tar-rikors tal-appell lill-partijiet kollha.

(2) Jekk waqt investigazzjoni d-Direttur Ġenerali jiftaħ proċedimenti skont l-artikolu 12A(4) tal-Att fir-rigward ta' talbiet għal informazzjoni, il-produzzjoni ta' dokumenti jew it-twettiq ta' spezzjonijiet, il-Qorti għandha tara li tagħti sentenza fl-iqsar żmien possibbli malli tisma' l-partijiet:

Iżda appell minn dik is-sentenza kif imsemmija f'dan is-subartikolu għandu jsir biss wara li tkun ingħatat sentenza definittiva skont l-artikoli 12Ċ jew 13 tal-Att u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza definittiva. Is-sentenza msemmija f'dan is-subartikolu ma tistax tiġi kkontestata qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:

Iżda wkoll, jekk wara investigazzjoni d-Direttur Ġenerali ma jipproċedix biex jiftaħ proċedimenti skont l-artikolu 12A(1) tal-Att, id-Direttur Ġenerali għandu jinforma lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, li għandu jkollhom għoxrin jum min-notifika ta' dan il-fatt mid-Direttur Ġenerali sabiex jappellaw mis-sentenza mogħtija mill-Qorti skont dan is-subartikolu.

(3) L-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, id-Direttur Ġenerali jew min għamel l-ilment jistgħu jitolbu lill-Qorti sabiex tismagħhom bil-magħluq meta s-sottomissjonijiet li jkunu se jsiru jew l-evidenza li tkun se tiġi prodotta huma ta' natura kunfidenzjali jew jinkludu sigrieti tan-negozju.

(4) Fil-każijiet kollha li jinvolvu l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 u, jew 102 tat-TFUE, il-Kummissjoni Ewropea għandha d-dritt li tagħmel is-sottomissjonijiet fuq kull kwistjoni quddiem il-Qorti.

(5) (a) Għandhom jiġu ppreżentati verżjonijiet kunfidenzjali u mhux kunfidenzjali ta' kull sottomissjonijiet bil-miktub u tal-evidenza dokumentarja li jingiebu quddiem il-Qorti; u

(b) Il-Qorti għandha tivverifika l-kunfidenzjalità jew xort'oħra tal-informazzjoni ppreżentata.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għall-infurzar tas-sentenzi u għall-proċedimenti ġudizzjarji kollha mibdija skont dan l-Att quddiem il-Qorti, u l-Qorti tal-Appell. Kap. 12.

(7) Meta tagħti s-sentenzi u d-digrieti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Qorti tista' tirrikorri għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għal deċiżjonijiet u stqarrijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi avviżi interpretattivi fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni sekondarja relatati mal-kompetizzjoni u tista' wkoll tirreferi għad-deċiżjonijiet tagħha u tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust.".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

42. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Tmexxija tal-ilmenti.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Meta d-Direttur Ġenerali jikkunsidra li, fuq il-bażi ta' informazzjoni fil-pussess tiegħu, m'hemmx raġunijiet suffiċjenti sabiex jaġixxi fuq ilment jew jonqos għal xi raġuni oħra milli jinvestiga lment kontra intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati skont l-Att, huwa għandu jinforma b'dan lil min għamel l-ilment.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Jekk id-Direttur Ġenerali jikkunsidra li m'hemmx raġunijiet suffiċjenti sabiex jaġixxi fuq ilment jew jonqos milli jinvestiga xi lment skont l-Att kif imsemmi fis-subartikolu preċedenti, min jagħmel l-ilment ikun jista' jippreżenta rikors ġuramentat fil-Qorti, fi żmien għoxrin jum minn meta jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, sabiex jitlob lill-Qorti sabiex tinħareġ ordni lid-Direttur Ġenerali sabiex jaġixxi fuq l-ilment jew jinvestiga l-ilment skont l-Att kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati:

Iżda jekk wara li tisma' l-evidenza ta' min jagħmel l-ilment u tad-Direttur Ġenerali l-Qorti tkun sodisfatta li l-ilment huwa ġustifikat u, jew li d-Direttur Ġenerali ma għandux raġunijiet leġittimi għaliex naqas milli jaġixxi fuq ilment jew li jinvestiga lment, il-Qorti għandha tagħti sentenza li biha tordna lid-Direttur Ġenerali jibda l-investigazzjoni jew joħroġ kull ordni oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa f'dak il-każ.";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Kull parti fil-proċedimenti quddiem il-Qorti li tħossha aggravata bis-sentenza tal-Qorti mogħtija skont is-subartikolu (3), tista' tappella fuq punti ta' dritt u, jew ta' fatt quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti."; u

(e) is-subartikoli (5) sa (10) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

43. L-artikolu 14Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Tħassir tal-artikolu 14Ċ tal-Att prinċipali.

44. L-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li Sostituzzjoni tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

A 690

ġej:

"Miżuri *interim*.

15. (1) Il-Qorti għandha, fuq rikors ippreżentat mid-Direttur Ġenerali, f'każijiet ta' urġenza minħabba f'riskju li ssir ħsara serja u irreparabbli lill-kompetizzjoni fuq il-bażi ta' sejba ta' ksur *prima facie* tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, toħroġ miżuri *interim* fuq kull intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati kif hija tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi:

Iżda l-miżuri *interim* maħruġa skont din id-dispożizzjoni għandhom ikunu proporzjonati u għandhom japplikaw għal perjodu speċifiku jew sas-sentenza finali tal-Qorti fuq il-mertu tal-każ:

Iżda wkoll, il-miżuri *interim* jistgħu jiġu mġedda mill-Qorti sa fejn huwa meħtieġ u neċessarju fuq rikors ippreżentat mid-Direttur Ġenerali fil-Qorti.

(2) Ir-rikors ippreżentat mid-Direttur Ġenerali skont is-subartikolu (1) għandu jiddikjara l-fatti kollha magħrufa minnu u r-raġunijiet għaliex huwa jqis li l-impożizzjoni ta' miżuri *interim* hija meħtieġa fil-każ. Dak ir-rikors għandu wkoll jinkludi s-sottomissjonijiet kollha li għandhom isiru flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li ġiet ippreżentata.

(3) Il-konvenut għandu jippreżenta nota fi żmien tmint ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, liema risposta tkun tinkludi s-sottomissjonijiet kollha flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tkun qiegħda tiġi ppreżentata.

(4) Il-Qorti għandha tiddeċiedi r-rikors b'urġenza *in camera* jew wara li tisma' lill-partijiet, jekk hekk tħoss xieraq, iżda ma għandhiex tkun iffissata aktar minn seduta waħda għal dan il-għan.

(5) Jista' jsir appell mill-miżuri *interim* imposti mill-Qorti skont is-subartikolu (1) b'rikors preżentat fil-Qorti tal-Appell fi żmien sitt ijiem mid-data ta' dak id-digriet dwar il-legalità, inkluża l-proporzjonalità tal-miżuri *interim*, u l-parti li kontra tagħha dan ir-rikors huwa ppreżentat għandha tirrispondi għalih fi żmien sitt ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors.

(6) Il-Qorti tal-Appell għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors skont is-subartikolu (5) b'mod spedjenti.".

Tħassir tal-artikoli 17 u 18 tal-Att prinċipali.

45. L-artikoli 17 u 18 tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

46. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Pubblikazzjoni ta' sentenzi u digrieti.

19. (1) Meta tippubblika s-sentenzi u d-digrieti, il-Qorti għandha tqis l-interess leġittimu tal-intrapriżi konċernati fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-Qorti tista' tagħti lill-partijiet konċernati l-opportunità li jispeċifikaw il-partijiet kunfidenzjali tas-sentenza jew tad-digriet li huma jixtiequ li jkunu esklużi mill-pubblikazzjoni:

Iżda l-Qorti għandha fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi liema verżjoni għandha tiġi ppubblikata.

(2) Id-Direttur Ġenerali għandu wkoll jippubblika avviż fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità li biha jiġi ddikjarat li ġie ppreżentat rikors ġuramentat skont l-artikolu 12A, wara li jitqies l-interess leġittimu tal-intrapriżi fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju u informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-pubblikazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi li kontra tagħha d-Direttur Ġenerali jkun ippreżenta r-rikors ġuramentat, kif ukoll deskrizzjoni qasira tat-tip ta' allegat ksur kif ukoll tas-settur tan-negozju affettwat.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

47. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Penali.

21. (1) Il-Qorti għandha timponi penali ta' mhux aktar minn għaxra fil-mija tad-dħul totali tal-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati fis-sena ta' negozju ta' qabel għal kull wieħed mill-ksur li fih l-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, b'intenzjoni jew b'negliġenza:

(a) tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att; u, jew

(b) tikser l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE:

Iżda meta ksur magħmul minn għaqda ta' intrapriżi jkun jirrigwarda l-attivitajiet tal-membri tagħha, il-penali ma għandhiex tkun aktar minn għaxra fil-mija tad-dħul annwali totali ta' kull membru attiv fis-suq affettwat mill-ksur magħmul mill-għaqda ta' intrapriżi.

(2) (a) Meta tagħti sentenza li biha ssib ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, il-Qorti timponi penali fuq l-għaqda ta' intrapriżi li fiha tqis id-dħul tan-negozju annwali tal-membri tagħha, u l-għaqda ta' intrapriżi tkun insolventi, il-Qorti għandha tordna lill-għaqda ta' intrapriżi toħroġ sejħa għall-kontribuzzjonijiet mill-membri tagħha sabiex tkun tista' tkopri l-ammont tal-penali dovuta fiż-żmien iffissat mill-Qorti:

Iżda fis-sentenza l-Qorti tista' wkoll tispeċifika fis-sentenza tagħha li jekk il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) ma jsirux lill-għaqda ta' intrapriżi fiż-żmien iffissat mill-Qorti, il-pagament tal-penali għandu jsir direttament minn kwalunkwe intrapriża li kellha r-rappreżentanti tagħha membri tal-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-għaqda ta' intrapriżi:

Iżda wkoll, fis-sentenza l-Qorti tista' wkoll tispeċifika fis-sentenza tagħha li meta l-applikazzjoni tal-proviso preċedenti ma tkunx biżżejjed sabiex jiġi żgurat il-ħlas sħiħ tal-penali, il-ħlas tal-bilanċ għandu jsir minn kull membru tal-għaqda ta' intrapriżi li kienu attivi fis-suq li fih seħħ il-ksur.

(b) Il-provisos preċedenti ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw kontra dawk l-intrapriżi li juru li huma ma implimentawx id-deċiżjoni illegali tal-għaqda ta' intrapriżi u li huma ma kinux jafu bl-eżistenza tagħha jew li huma naqsu attivament milli jkollhom x'jaqsmu ma' dik id-deċiżjoni minn qabel ma d-Direttur Ġenerali beda jinvestiga l-każ.

(ċ) Ir-responsabbiltà finanzjarja ta' kull intrapriża fir-rigward tal-ħlas tal-penali ma għandhiex tkun iktar minn għaxra fil-mija tad-dħul totali tagħha fis-sena tan-negozju preċedenti.

(3) (a) Is-subartikolu (1) għandu japplika, *mutatis mutandis,* meta intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, b'intenzjoni jew b'negliġenza:

(i) tonqos milli timxi ma' ordni ta' waqfien u ebda tkomplija u, jew ordni ta' konformità skont l-artikolu 13A;

(ii) tonqos milli timxi ma' miżura *interim* skont l-artikolu 15;

(iii) tonqos milli timxi ma' rabta magħmula vinkolanti skont l-artikolu 12Ċ;

(b) Meta dan is-subartikolu jiġi applikat għal għaqda ta' intrapriżi, is-subartikolu (2) għandu, *mutatis mutandis,* japplika.

(4) (a) Sabiex tiddetermina l-ammont tal-penali, il-Qorti għandha tieħu f'konsiderazzjoni l-gravità u d-dewmien tal-ksur u kull ċirkostanza aggravanti jew attenwanti.

(b) Iċ-ċirkostanzi aggravanti jinkludu:

(i) li l-Qorti kienet diġà imponiet penali fuq l-istess intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi għall-istess ksur jew għal wieħed simili;

(ii) li l-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi konċernati kienet diġà wettqet ksur skont l-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE skont deċiżjoni jew sentenza li saret *res judicata*;

(iii) il-fatt li l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi kellha rwol ewlieni, bħala awtriċi jew provokatriċi;

(iv) miżuri koersivi jew ta' ritaljazzjoni meħuda kontra intrapriżi oħra li jkunu mmirati li jiżguraw it-tkomplija tal-ksur.

(ċ) Iċ-ċirkostanzi attenwanti jinkludu:

(i) li l-involviment tal-intrapriża jew tal-għaqda ta' intrapriżi fil-ksur kien sostanzjalment limitat;

(ii) li l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi waqqfet il-ksur minn jeddha;

(iii) li l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi tat kontribut sinifikanti sabiex jinkixef il-ksur;

(iv) li l-intrapriża aġixxiet taħt pressjoni jew ġiet imġiegħla.

(5) Il-Qorti tista' timponi penali ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt euro(€1,500) u mhux aktar minn tletin elf euro (€30,000) meta xi persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, b'intenzjoni jew b'negliġenza, waqt li għaddejja investigazzjoni skont l-artikolu 12 tal-Att jew waqt li għaddejja xi inkjesta settorjali skont l-artikolu 11A tal-Att:

(a) tagħti xi informazzjoni falza, mhux preċiża jew qarrieqa; jew

(b) tipproduċi jew tagħti, jew tikkawża jew xjentement tħalli li jiġi prodott jew mogħti xi dokument jew informazzjoni li hija tkun taf li tkun falza f'xi dettall sostanzjali; jew

(ċ) tipprevjeni milli ssir jew ixxekkel xi investigazzjoni jew inkjesta settorjali.

(6) Il-Qorti tista' timponi penali ta' mhux anqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000) meta xi persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, waqt li għaddejja investigazzjoni skont l-artikolu 12:

(a) tonqos milli toqgħod għal spezzjoni u, jew tfixkel lid-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu u, jew kull persuna oħra awtorizzata jew imqabbda mid-Direttur Ġenerali sabiex teżerċita s-setgħat mogħtija skont mandat maħruġ skont l-artikolu 12(7)(a) tal-Att; jew

(b) tikser xi siġilli affissi minn uffiċjali jew persuni oħra li jakkumpanjaw kif awtorizzati mid-Direttur Ġenerali waqt spezzjoni.

(7) (a) Il-Qorti tista' wkoll, b'żieda mal-penali msemmija fis-subartikoli (1), (3), (5) jew (6), tordna lill-intrapriża u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi timxi ma' kull ordni maħruġa mill-Qorti fl-iqsar żmien possibbli imma f'kull każ sa mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mid-data tal-imsemmija sentenza. Jekk l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi tonqos milli timxi ma' kull ordni bħal dik fi żmien iffissat mill-Qorti, il-Qorti tkun tista' timponi, kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, pagament perjodiku ta' penali li ma jkunx iktar minn ħamsa fil-mija tal-medja tad-dħul ta' kuljum tas-sena tan-negozju preċedenti tal-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, u dan għal kull jum ta' nuqqas li fih l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi tonqos milli tikkonforma mal-obbligazzjoni tagħha, liema pagament perjodiku ta' penali jibda jgħodd mat-tmiem taż-żmien iffissat mill-Qorti fis-sentenza li biha tordnalha jew tordnalhom:

(i) jimxu ma' ordni ta' waqfien u ebda tkomplija u, jew ordni ta' konformità skont l-artikolu 13A;

(ii) jimxu ma' miżuri *interim* skont l-artikolu 15;

(iii) jimxu ma' rabta magħmula vinkolanti skont l-artikolu 12Ċ;

(iv) joqogħdu għal spezzjoni u jipproduċu oġġetti, dokumenti jew *records* oħra mitluba kif imsemmi fl-artikolu 12;

(v) bla ħsara għat-tieni proviso tal-artikolu 12(2)(a), jipprovdu informazzjoni kompluta b'risposta għal talba għal informazzjoni kif imsemmi fl-artikoli 12 u 11A;

(vi) jipprovdu informazzjoni korretta u, jew jipproduċu d-dokumenti mitluba b'risposta għal talbiet għal informazzjoni kif imsemmija fl-artikoli 12 u 11A;

(vii) jieqfu milli jimxu skont kull imġiba oħra li tfixkel investigazzjoni jew inkjesta settorjali u, jew li jirrimedjaw għal kull att jew omissjoni.

(b) Meta l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati timxi mal-obbligazzjonijiet skont is-subartikolu (7)(a), il-Qorti tkun tista' tiffissa ammont definittiv għall-pagament perjodiku ta' penali, liema ammont ikun anqas minn dak iffissat mill-Qorti fid-deċiżjoni oriġinali tagħha.

(ċ) Meta jiġi applikat dan is-subartikolu għal għaqda ta' intrapriżi, is-subartikolu (2) għandu, *mutatis mutandis,* japplika.

(8) Meta tiġi biex tiddetermina l-penali skont dan l-artikolu, il-Qorti għandha, meta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, tiżgura li l-penalitajiet imposti huma effettivi, proporzjonati u disważivi.

(9) Ir-responsabbiltà għall-pagament tal-penali skont dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra li persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi tista' tkun soġġetta għaliha skont kull liġi oħra li tkun.".

Tħassir tal-artikoli 21A sal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

48. L-artikoli 21A sal-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

49. L-artikolu 26A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 26A tal-Att prinċipali.

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penalitajiet.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Penali skont l-artikolu 21 tal-Att għandha tkun imposta biss jekk proċedimenti ġudizzjarji dwar ksur ikkontemplat fl-Att ġew mibdija fi żmien ħames snin wara li jispiċċa l-ksur:

Iżda f'każ ta' ksur ta' dan l-Att li jirrigwarda talbiet għall-informazzjoni, l-għotja ta' dokumenti u t-twettiq ta' spezzjonijiet, penali skont l-artikolu 21 tal-Att għandha tkun imposta biss jekk inbdew proċedimenti ġudizzjarji fi żmien tliet snin wara l-waqfien tal-ksur.";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penalitajiet għandu jiġi interrott b'kull għemil tad-Direttur Ġenerali jew, f'każ ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, ukoll b'kull azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' awtorità għall-kompetizzjoni ta' Stat Membru bil-għan li jinvestigaw jew jinbdew proċedimenti għall-ksur. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jiġi interrott b'effett mid-data li fiha l-azzjoni tkun ġiet notifikata lil tal-anqas intrapriża waħda jew għaqda ta' intrapriżi li tkun ipparteċipat fil-ksur.";

(e) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (ii) il-kliem "il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni bil-miktub iffirmata mid-Direttur Ġenerali jew ta'" għandhom jiġu mħassra;

(ii) fil-paragrafu (iv) il-kliem "in-notifika ta' stqarrija ta' oġġezzjonijiet magħmula skont l-artikolu 12A jew" għandhom jiġu mħassra; u

(f) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penalitajiet għandu jiġi sospiż matul iż-żmien li fih ikunu għadhom pendenti proċedimenti quddiem il-Qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

50. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Meta quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 12A(1), meta quddiem xi qorti oħra ta' ġurisdizzjoni ċivili li mhijiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)"; u

(b) fil-proviso tiegħu, il-kliem "il-qorti għandha ssegwi dik id-deċiżjoni." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-qorti għandha ssegwi dik id-deċiżjoni:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta l-kwistjoni ta' kompetizzjoni mqajma quddiem xi qorti ta' ġuriżdizzjoni ċivili hija diġà soġġetta għal proċedimenti mibdija mid-Direttur Ġenerali quddiem il-Qorti jew se tkun soġġetta għal proċedimenti quddiem il-Qorti f'xi mument kif kontemplat fl-Att, kull qorti oħra ta' ġuriżdizzjoni ċivili fejn tqajmet il-kwistjoni ta' kompetizzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tissospendi l-proċeduri.".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

51. Il-verżjoni Ingliża tan-nota marġinali tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-kliem "It shall not be lawful to issue any precautionary warrant.".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

52. Fl-artikolu 31 tal-Att prinċipali l-kliem "membru tat-Tribunal tal-Appell," għandhom jiġu mħassra.

Żieda ta' artikolu 31A ġdid mal-Att prinċipali.

53. Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kawżi. Kap. 12.

31A. It-tariffi msemmija fl-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-kawżi mibdija skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

54. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1)(a) tiegħu, il-kliem "u in konnessjoni ma' proċeduri quddiem il-Kummissjoni" għandhom jiġu mħassra; u

(b) fis-subartikolu (2)(b) tiegħu, il-kliem "it-Tribunal tal-Appell," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti".

Taqsima IV
Emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji

Emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kap. 492.

55. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

56. Fl-artikolu 35(4)(a)(ii) tal-Att prinċipali, il-kliem "u Bżonnijiet Speċjali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u Diżabilità".

Żieda ta' artikolu ġdid 42 mal-Att prinċipali.

57. Minnufih wara l-artikolu 41 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu l-ġdid li ġej:

"Dispożizzjoni transitorja.

42. L-artikolu 35, li jistabbilixxi l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat kif kien fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, għandu jibqa' fis-seħħ sas-6 ta' Novembru, 2019.".

Att XXXVI tal-2018.

Taqsima V
Emendi għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

Emendi għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 510.

58. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

59. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "President" għandha tiġi mħassra;

(b) minnufih wara t-tifsira "programm ta' *standards"* għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; u

L.S. 12.19.

(ċ) it-tifsira "Tribunal tal-Appell" għandha tiġi mħassra.

A 700

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

60. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1)(a) tiegħu, il-kliem "li jinvestiga, jiddetermina u jrażżan prattiċi restrittivi;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jinvestiga prattiċi restrittivi li allegatament jiddistorċu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni u li jaġixxi bħala parti uffiċjali fi proċedimenti mibdija mid-Direttur Ġenerali quddiem il-Qorti Ċivili taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni u quddiem il-Qorti tal-Appell f'każ li jkun hemm appell minn sentenzi tal-Qorti Ċivili mogħtija taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni"; u

(b) fis-subartikolu (1)(ċ) tiegħu, il-kliem "li jaġixxi bħala l-awtorità kompetenti nazzjonali f'Malta kif magħruf bis-saħħa tal-artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jaġixxi flimkien mal-Qorti Ċivili bħala l-awtorità kompetenti nazzjonali f'Malta kif magħruf bis-saħħa tal-artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003:

Iżda għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU L1 tal-04/01/2003, p.1 (Regolament 1/2003) għandhom ikunu:

(a) il-Qorti Ċivili sabiex tieħu deċiżjoni u timponi penalitajiet u rimedji oħra; u

(b) l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni sabiex jinvestiga u jibda proċedimenti quddiem il-Qorti Ċivili;".

Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

61. L-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi jew xi korp ieħor li tissottometti informazzjoni jew kummenti f'waħda mis-sitwazzjonijiet imniżżla hawn isfel jew sussegwentement tissottometti iżjed informazzjoni lid-Direttur Ġenerali fil-kors tal-investigazzjoni, għandha b'mod ċar tidentifika kull materjal li hi tikkunsidra kunfidenzjali, tagħti r-raġunijiet, u tipprovdi verżjoni separata mhux kunfidenzjali, fejn applikabbli sa dik id-data stabbilita mid-Direttur Ġenerali

biex turi l-fehmiet tagħha:

(a) min jagħmel l-ilment taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni jew taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; Kap. 379. Kap. 378.

(b) persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi jew xi korp ieħor li tkun qed tħares talba għall-forniment ta' informazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull Att ieħor, jew regolamenti magħmula taħthom; Kap. 379. Kap. 378.

(ċ) indirizzat tal-istqarrija tal-oġġezzjonijiet magħmula taħt ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet fejn jintwerew il-fehmiet tiegħu dwar l-oġġezzjoni; L.S. 379.08.

(d) indirizzat ta' stedina mid-Direttur Ġenerali biex jibdew diskussjonijiet li jwasslu għall-ftehim taħt l-artikolu 12B tal-Att dwar il-Kompetizzjoni."; Kap. 379.

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"(3) Fil-każ ta' stqarrija tal-oġġezzjonijiet mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) taħt ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, persuni, intrapriżi jew għaqda ta' intrapriżi jistgħu jiġu mitluba biex jidentifikaw xi parti mill-istqarrija ta' oġġezzjonijiet li fil-fehma tagħhom ikun fiha sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra."; L.S. 379.08.

(ċ) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(9) F'dawk il-każijiet meta l-persuna jew l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi jew xi korp ieħor ma taqbilx mad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali fis-subartikolu (8), il-persuna jew l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi jew xi korp ieħor tista' titlob l-istħarriġ tagħha permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-Qorti Ċivili fi żmien għaxart ijiem minn meta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tiġi notifikata:

Iżda l-Qorti Ċivili għandha tappunta u tiddeċiedi kull kwistjoni skont dan is-subartikolu fl-iqsar żmien possibbli:

Iżda wkoll, id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili għandha tkun finali u ma jista' jkun hemm ebda appell minnha jew kontestazzjoni tagħha.".

Tħassir tat-Taqsima IX tal-Att prinċipali.

62. It-Taqsima IX tal-Att prinċipali intitolata "Twaqqif tat-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur" għandha tiġi mħassra.

Emenda tal-artikolu 44 tal-Att prinċipali.

63. Fl-artikolu 44 tal-Att prinċipali, il-kliem "jingħata mill-President tat-Tribunal tal-Appell." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jingħata mill-Qorti tal-Appell fi smigħ pubbliku quddiem l-istess qorti.".

Emenda tal-artikolu 48 tal-Att prinċipali.

64. Il-proviso tal-artikolu 48(2) tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda meta l-entitajiet ikunu speċifikatament inkarigati mil-liġi sabiex iżommu miżati, dawk il-miżati għandhom jiġu miġbura mill-entitajiet konċernati.".

Emenda tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali.

65. L-artikolu 64 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tieni proviso tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "it-Tribunal tal-Appell jista' fuq applikazzjoni tal-Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti Ċivili tista' fuq rikors tal-Awtorità";

(b) fil-proviso tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "it-Tribunal tal-Appell" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti Ċivili"; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Jekk mir-riferta tal-impjegat inkarigat minn servizz tal-att jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-att, għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta u d-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-Qorti Ċivili tista', wara applikazzjoni mill-Awtorità, tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi jiġi ppubblikat dak l-avviż fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-Qorti Ċivili tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-avviż mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-Qorti Ċivili tista' wkoll taddotta dawk il-miżuri oħra li jkun jidhrilha xierqa

sabiex l-att issir taf bih il-persuna li lilha għandu jkun notifikat. F'dawk il-każijiet is-servizz għandu jitqies li jkun sar fit-tielet ġurnata tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta s-servizz ikun ġie ordnat li jsir b'urġenza, is-servizz jitqies li jkun sar f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-Qorti Ċivili tista' tistabbilixxi, liema żmien għandu jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.".

Emenda tal-artikolu 69 tal-Att prinċipali.

66. L-artikolu 69 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni tal-artikolu 70 tal-Att prinċipali.

67. L-artikolu 70 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet transitorji fir-rigward tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 379. Kap. 378.

70. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur fis-seħħ qabel it-23 ta' Mejju 2011, għandhom jibqgħu japplikaw, skont il-każ, għal kull:

(a) investigazzjoni pendenti quddiem id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta u quddiem id-Direttur tal-Affarijiet tal-Konsumatur, kif sostitwiti mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur);

(b) proċedimenti pendenti quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u l-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur, kif sostitwiti mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u kif eventwalment sostitwiti mill-Qorti Ċivili; it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi u l-qrati; u

(ċ) deċiżjonijiet u sentenzi li ma jkunux saru *res judicata*.

Kap. 379.
Kap. 378.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur fis-seħħ wara t-23 ta' Mejju 2011, iżda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra għandhom ukoll jibqgħu japplikaw, skont il-każ, għal kull:

(a) proċedimenti li nbdew wara d-data msemmija fis-subartikolu (2), u li għadhom pendenti fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra, quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur kif sostitwit mill-Qorti Ċivili; it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi u l-qrati; u

(b) deċiżjoni u sentenza mogħtija wara t-23 ta' Mejju 2011 u li ma kinux saru *res judicata* fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra:

Kap. 379
Kap. 378.

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra, għandhom japplikaw għal investigazzjonijiet li nbdew wara t-23 ta' Mejju 2011 u li għadhom pendenti quddiem id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u quddiem id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur):

Iżda wkoll, fir-rigward ta' appelli minn kull deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur, tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust jew il-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur li jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra, l-appellant għandu jkollu għoxrin jum mid-data hawn fuq imsemmija, jew għoxrin jum mill-ewwel udjenza f'tali appell, skont liema l-aħħar, sabiex jippreżenta kull aggravju ulterjuri ta' appell fuq punt ta' fatt.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1):

(a) id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għandu jkollu s-setgħat tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kif mogħtija fl-Att dwar il-Kompetizzjoni; u

Kap. 379.

(b) id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) għandu jkollu s-setgħat tad-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur kif mogħtija fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur,

Kap. 378.

qabel it-23 ta' Mejju 2011.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) il-Qorti Ċivili għandha tiġi vestita bis-setgħa:

(a) tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kif mogħtija fl-Att dwar il-Kompetizzjoni; u

Kap. 379.

(b) tal-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur kif mogħtija fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur,

Kap. 378.

qabel it-23 ta' Mejju 2011.

(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (2):

(a) id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) għandu jkollu s-setgħat tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif mogħtija fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; u

Kap. 378.

(b) id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għandu jkollu s-setgħat tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kif mogħtija fl-Att dwar il-Kompetizzjoni,

Kap. 379.

wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a), il-Qorti Ċivili għandu jkollha s-setgħat tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur kif mogħtija fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra.".

Kap. 379.

Kap. 378.

Kap. 510.

Tħassir tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

68. It-Tieni Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi mħassra.

Sostituzzjoni tat-Tielet Skeda tal-Att prinċipali.

69. It-Tielet Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT-TIELET SKEDA
(ARTIKOLU 18)

LISTA TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI TAL-UE GĦAL LIEMA GĦANIJIET L-UFFIĊĊJU GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR HUWA L-AWTORITÀ NAZZJONALI KOMPETENTI

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawsoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.

2. Id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-

indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi.

3. Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom.

4. Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91.

5. Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali).

6. Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE.

7. Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

8. Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (però fir-rigward tal-Artikoli 1, 2c, 4 sa 8 tiegħu biss).

9. Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

10. Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004.".

Taqsima VI
Emendi għall-Att dwar Proċedimenti Kollettivi

Emendi għall-Att dwar Proċedimenti Kollettivi. Kap. 520.

70. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Proċedimenti Kollettivi u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Proċedimenti Kollettivi, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-Iskeda A tal-Att prinċipali.

71. Fil-paragrafu II tal-Iskeda A tal-Att prinċipali, il-kliem "u dawk l-Atti imsemmija fl-artikolu 111 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur" għandhom jiġu mħassra.

Taqsima VII
Emendi Konsegwenzjali

Emendi konsegwenzjali għal- L.S. 12.19.

72. (1) L-artikolu 5A tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Assenjament ta' kawżi lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.".

Kap. 386. Kap. 379. Kap. 378. Kap. 510.

Emendi konsegwenzjali għal- L.S. 12.20.

(2) Ir-regolament 5A tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Assenjament ta' kawżi lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.".

Kap. 386. Kap. 379. Kap. 378. Kap. 510.

Emendi konsegwenzjali għal- L.S. 378.01.

(3) Ir-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regola 2 tagħhom, it-tifsira "Direttur" għandha tiġi

sostitwita b'dan li ġej:

" "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;"; u

(b) il-kliem "Direttur" u "Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur Ġenerali" kull fejn jidhru fir-regoli kollha.

(4) Fir-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-kelma "Direttur" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Direttur Ġenerali" kull fejn tidher. Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.09.

(5) Ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali għandhom jiġu emendati kif ġej: Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.10.

(a) fir-regolament 2 tagħhom:

(i) it-tifsira "Direttur Ġenerali" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "prattika ta' rbit" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(b) fir-regolament 3A tagħhom, il-kliem "rispettivi tagħhom b'mod effettiv." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rispettivi tagħhom b'mod effettiv:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fir-rigward ta' dan is-subregolament u ta' kull referenza oħra f'dawn ir-regolamenti għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti mid-Direttur Ġenerali, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi mogħtija lill-Qorti Ċivili permezz tal-Att u permezz tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u għall-proċeduri ġudizzjarji stabbiliti fl-Att."; Kap. 510.

(ċ) ir-regolament 23 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Investigazzjonijiet, proċeduri ġudizzjarji, penali u dritt ta' appell.

23. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 23A, id-Direttur Ġenerali għandu jipproċedi skont l-artikolu 12 tal-Att u meta, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, jidhirlu *prima facie* li hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jibda proċeduri ġudizzjarji kontra l-persuna konċernata quddiem il-Qorti Ċivili permezz ta' rikors ġuramentat u għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att, fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili għandha timponi penali u toħroġ kull ordni, jew tieħu kull miżura li hija tista' tqis xierqa skont l-Att, kontra kull persuna li tikser jew tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-MFSA ma għandhiex, matul il-proċeduri ġudizzjarji jew permezz ta' kull proċedura oħra, titlob li tiġi imposta penali fir-rigward tal-istess ksur.

(3) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000).

(4) Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris, il-Qorti Ċivili għandha wkoll timponi penali li ma tkunx anqas minn mija u tletin euro (€130) u ma tkunx aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità.

(5) Meta tkun qiegħda tiddeċiedi l-ammont tal-penali msemmi f'dan ir-regolament, il-Qorti Ċivili għandha tkun gwidata wkoll mill-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) għal ksur taħt dawn ir-regolamenti l-ammont bażiku tal-penali għandu jkun ta' għoxrin elf euro (€20,000):

Iżda l-Qorti Ċivili tista', meta tkun qiegħda tistabbilixxi l-penali, tqis ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal żieda jew tnaqqis ta' dak l-ammont bażiku:

Iżda wkoll il-Qorti Ċivili għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' valutazzjoni komprensiva li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż il-valur tal-kreditu taħt il-kuntratt ta' kreditu u t-*turnover* tal-kreditur;

(b) il-Qorti Ċivili tista' timponi penali ogħla mill-ammont bażiku meta jkun hemm ċirkostanzi aggravanti, meta tqis, b'mod partikolari, is-serjetà u ż-żmien tal-kontinwità tal-ksur u l-ammont tar-rikavat magħmul b'mod mhux xieraq bħala riżultat tal-ksur;

(ċ) mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (b), dawn li ġejjin għandhom dejjem jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(i) it-tieni ksur jew ksur sussegwenti;

(ii) meta l-ksur huwa prattika kummerċjali li mhux ġusta skont l-Att; u

(d) l-ammont bażiku jista' jiġi mnaqqas jekk il-Qorti Ċivili ssib li hemm ċirkostanzi mitiganti, b'mod partikolari:

(i) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun waqqaf il-ksur rilevanti qabel jew malli d-Direttur Ġenerali beda investigazzjoni;

(ii) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun ħa passi adegwati biex inaqqas l-effetti negattivi tal-ksur.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritti skont l-Att, sakemm ma jkunux ġew mogħtija kompetenzi lill-Qorti Ċivili bl-Att u bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Kap. 510.

(7) Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili."; u

(d) it-tieni proviso tar-regolament 23A(1) tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda d-Direttur Ġenerali ma għandu bl-ebda mod jitlob l-impożizzjoni ta' penali għall-istess att jew omissjoni.".

Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.11.

(6) L-Ordni għall-għanijiet tal-artikoli 94, 100 u 101 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jiġi mħassar.

Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.12.

(7) Ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regolament 3 tagħhom:

(i) it-tifsira "id-Direttur" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "id-Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "*overrunning*" għandha

tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;";

L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 22 tagħhom għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bi "Sorveljar u investigazzjonijiet."; u

(ii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) jinvestiga kull ksur allegat u, kif meħtieġ, jibda proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Ċivili skont l-Att.";

(ċ) ir-regolament 23 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Investigazzjonijiet, proċeduri ġudizzjarji, penali u dritt ta' appell.

23. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu jipproċedi skont l-artikolu 12 tal-Att u meta, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, jidhirlu *prima facie* li hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jibda proċedimenti ġudizzjarji kontra l-persuna konċernata quddiem il-Qorti Ċivili permezz ta' rikors ġuramentat u għal dawn il-proċedimenti ġudizzjarji għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att, fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili għandha timponi penali u toħroġ kull ordni, jew tieħu kull miżura li hija tista' tqis xierqa skont l-Att, kontra kull persuna li tikser jew tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000).

(4) F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris, il-Qorti Ċivili għandha wkoll timponi penali għal kull jum li ma tkunx anqas minn mija u tletin euro (€130) u ma tkunx aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità.

(5) Meta tkun qiegħda tiddeċiedi l-ammont tal-penali msemmi f'dan ir-regolament, il-Qorti Ċivili għandha tkun gwidata mill-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) għal ksur taħt dawn ir-regolamenti l-ammont bażiku tal-penali għandu jkun ta' għoxrin elf euro (€20,000):

Iżda l-Qorti Ċivili tista', meta tkun qiegħda tistabbilixxi l-penali, tqis ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal żieda jew tnaqqis ta' dak l-ammont bażiku:

Iżda wkoll il-Qorti Ċivili għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' valutazzjoni komprensiva li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż il-valur tal-kreditu taħt il-kuntratt ta' kreditu u t-*turnover* tal-kreditur;

(b) il-Qorti Ċivili tista' timponi penali ogħla mill-ammont bażiku meta jkun hemm ċirkostanzi aggravanti, meta tqis, b'mod partikolari, is-serjetà u ż-żmien tal-kontinwità tal-ksur u l-ammont tar-rikavat magħmul b'mod mhux xieraq bħala riżultat tal-ksur;

(ċ) mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (b), dawn li ġejjin għandhom dejjem jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(i) it-tieni ksur jew ksur sussegwenti;

(ii) meta l-ksur huwa prattika kummerċjali li mhux ġusta skont l-Att; u

(d) l-ammont bażiku jista' jiġi mnaqqas jekk il-Qorti Ċivili ssib li hemm ċirkostanzi mitiganti, b'mod partikolari:

(i) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun waqqaf il-ksur rilevanti qabel jew malli d-Direttur Ġenerali beda investigazzjoni;

(ii) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun ħa passi adegwati biex inaqqas l-effetti negattivi tal-ksur.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritti skont l-Att, sakemm ma jkunux ġew mogħtija kompetenzi lill-Qorti Ċivili bl-Att u bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 510.

(7) Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili."; u

(d) il-kelma "Direttur" għandha tkun sostitwita bil-kliem "Direttur Ġenerali" kull fejn tidher fir-regolamenti kollha.

(8) Ir-Regolamenti dwar l-Ipprezzar tas-Servizzi tal-Ajru għandhom jiġu emendati kif ġej: Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.13.

(a) fir-regolament 2 tagħhom:

(i) it-tifsira "id-Direttur" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "id-Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;"; u

(ii) minnufih wara t-tifsira "id-Direttur"" għandha

tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 3 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Persuna maħtura.

3. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu, skont l-Att, ikun responsabbli għall-isorveljar u l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tar-Regolament.";

(ċ) ir-regolament 4 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji. Kap. 510.

4. Eskluż meta jkunu ġew assenjati kompetenzi lill-Qorti Ċivili skont l-Att jew skont l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti d-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritt skont l-Att, inkluża s-setgħa li jinvestiga u li jibda proċeduri ġudizzjarji skont l-Att quddiem il-Qorti Ċivili.";

(d) ir-regolament 5 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt ta' appell.

5. Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili."; u

(e) il-kelma "Direttur" għandha tkun sostitwita bil-kliem "Direttur Ġenerali" kull fejn tidher fir-regolamenti kollha.

(9) Ir-Regolamenti dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri tal-ajru li ma jitħallewx jitilgħu għandhom jiġu emendati kif ġej: Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.14.

(a) minnufih wara t-tifsira "id-Direttur Ġenerali" fir-regolament 2 tagħhom, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 4 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Persuna maħtura, investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji.

4. (1) Għall-finijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament 261/2004, id-Direttur Ġenerali huwa l-persuna maħtura bħala responsabbli għall-isorveljar u l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 261/2004 dwar titjiriet minn ajruporti li jinsabu f'Malta u dwar titjiriet minn terzi pajjiżi lejn ajruporti li jinsabu f'Malta.

(2) Eskluż meta jkunu ġew assenjati kompetenzi lill-Qorti Ċivili skont l-Att jew skont l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti d-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritt skont l-Att, inkluża s-setgħa li jinvestiga u li jibda proċedimenti ġudizzjarji skont l-Att quddiem il-Qorti Ċivili."; Kap. 510

(ċ) ir-regolament 5 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Penali.

5. Trasportatur tal-ajru li jopera li jonqos li jikkonforma mal-obbligazzjonijiet imposti bl-Artikoli 4 sa 6, 10, 11 jew 14 tar-Regolament 261/2004 ikun ħati ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000):

Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' kuljum ta' mhux anqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità."; u

(d) ir-regolament 7 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt ta' appell.

7. Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili.".

Emendi konsegwenzjali għal- L.S. 378.15.

(10) Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri fit-Trasport bix-Xarabank u bil-Kowċ għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regolament 2(1) tagħhom:

(i) minnufih wara t-tifsira "id-Direttur Ġenerali" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;" u

L.S. 12.19.

(ii) it-tifsira "it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur" għandha tiġi mħassra;

(b) ir-regolament 3 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Persuna maħtura, investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji.

3. (1) Għall-finijiet tar-Regolament (EU) Nru 181/2011, id-Direttur Ġenerali huwa l-persuna maħtura responsabbli għall-isorveljar u l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (EU) Nru 181/2011.

Kap. 510.

(2) Eskluż meta jkunu ġew assenjati kompetenzi lill-Qorti Ċivili skont l-Att jew skont l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti d-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritt skont l-Att, inkluża s-setgħa li jinvestiga u li jibda proċeduri ġudizzjarji skont l-Att quddiem il-Qorti Ċivili.";

(ċ) ir-regolament 5 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Penali.

5. Kull persuna li tonqos li tosserva l-obbligazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (EU) Nru 181/2011 tkun ħatja ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000):

Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris maħruġ skont l-Att, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' kuljum ta' mhux anqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità.";

(d) ir-regolament 6 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt ta' Appell.

6. Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili."; u

(e) ir-regolament 7 tagħhom għandu jiġi mħassar.

Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.16

(11) Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-Baħar jew minn Passaġġi fuq l-Ilma Interni għandhom jiġu emendati kif ġej:

A 720

(a) fir-regolament 2(1) tagħhom:

(i) it-tifsira "it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur" għandha tiġi mħassra; u

(ii) minnufih wara t-tifsira "id-Direttur Ġenerali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;";

L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 3 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Persuna maħtura, investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji.

3. (1) Għall-finijiet tar-Regolament (EU) Nru 1177/2010, id-Direttur Ġenerali huwa l-persuna maħtura bħala responsabbli għall-isorveljar u l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (EU) Nru 1177/2010.

(2) Eskluż meta jkunu ġew assenjati kompetenzi lill-Qorti Ċivili skont l-Att jew skont l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti d-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritt skont l-Att, inkluża s-setgħa li jinvestiga u li jibda proċeduri ġudizzjarji skont l-Att quddiem il-Qorti Ċivili.";

Kap. 510.

(ċ) ir-regolament 5 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Penali.

5. Kull persuna li tonqos li tosserva l-obbligazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (EU) Nru 181/2011 tkun ħatja ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000):

Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris maħruġ skont l-Att, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' kuljum ta' mhux anqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità.";

(d) ir-regolament 6 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt ta' appell.

6. Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili."; u

(e) ir-regolament 7 tagħhom għandu jiġi mħassar.

Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 378.17.

(12) Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regolament 2(1) tagħhom minnufih wara t-tifsira "post tan-negozju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;";

L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 27 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Penalitajiet u dritt ta' appell.

27. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar proċeduri ġudizzjarji istitwiti mid-Direttur Ġenerali wara s-sejbien *prima facie* ta' ksur, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000) fuq kull persuna li tonqos milli timxi skont kull dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili.".

Emendi konsegwenzjali għal- L.S. 378.18.

(13) Ir-Regolamenti dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) tal-Konsumatur (Ġenerali) għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regolament 2(2) tagħhom minnufih wara t-tifsira "proċedura tal-ADR" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(b) it-Taqsima IV tagħhom għandha tiġi mħassra; u

(ċ) minnufih wara r-regolament 20 tagħhom għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"L-applikabbiltà ta' ċertu dispożizzjonijiet tal-Att dwar investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji.

21. L-artikoli 43D, 43E u 43F tal-Att u t-Taqsima IIA tal-Att għandhom japplikaw għall-investigazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għall-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti kif istitwiti mill-Kunsill quddiem il-Qorti Ċivili.

Penalitajiet u d-dritt ta' appell.

22. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att fir-rigward ta' proċedimenti ġudizzjarji istitwiti mill-Kunsill wara sejbien *prima facie* ta' ksur, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) fuq kull persuna li tonqos milli timxi skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-Qorti Ċivili tista' wkoll timponi penali ta' mhux anqas minn għoxrin euro (€20) imma mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull ġurnata li fiha jkun hemm il-ksur fuq kull persuna li tonqos milli tosserva xi obbligi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jew kull ordni jew miżura maħruġa mill-Qorti Ċivili.

(2) Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili.".

Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 379.08.

(14) Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) ir-regolament 2 tagħhom għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fit-tifsira "konċentrazzjoni" il-kliem "tat-*turnover* totali ta' l-intrapriżi konċernati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat-*turnover* totali kombinat f'Malta tal-intrapriżi konċernati";

(ii) minnufih wara t-tifsira "kontroll" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(iii) it-tifsira "Tribunal tal-Appell" għandha tiġi mħassra;

(b) is-subregolament (6) tar-regolament 9 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Meta l-Qorti f'sentenza tannulla d-deċiżjoni kollha kemm hi jew parti minn deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali meħuda taħt dawn ir-regolamenti, il-perjodi stipulati f'dawn ir-regolamenti għandhom jerġgħu jibdew għaddejjin mid-data tas-sentenza tal-Qorti, jew jekk jiġi ppreżentat appell mis-sentenza tal-Qorti, mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.";

(ċ) ir-regolament 10 tagħhom għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subregolament (2), minnufih wara l-kliem

"l-iskop tat-talba" għandhom jiżdiedu l-kliem "u għandu wkoll jispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa u jiffissa żmien li fih din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta"; u

(ii) is-subregolament (3) għandu jiġi mħassar;

(d) ir-regolament 11 tagħhom għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subregolament (1), minnufih wara l-kelma "setgħa" għandhom jiżdiedu l-kliem "li jwettaq spezzjoni u"; u

(ii) is-subregolament (2) għandu jiġi mħassar;

(e) minnufih wara r-regolament 12 tagħhom għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Kontenuti tar-rikors ġuramentat.

12A. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12A tal-Att għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw meta d-Direttur Ġenerali jitlob l-impożizzjoni ta' penali fuq persuna, intrapriża, u, jew għaqda ta' intrapriżi skont ir-regolamenti 13 u 14.";

(f) is-subregolament (1) tar-regolament 13 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Qorti għandha timponi penali ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) fuq kull persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi li b'intenzjoni jew b'negliġenza:

(i) tonqos milli tinnotifika konċentrazzjoni skont ir-regolament 5 qabel ma tiġi implimentata;

(ii) tagħti informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa f'notifika skont ir-regolament 5;

(iii) tagħti informazzjoni mhux korretta b'risposta għal talba magħmula skont ir-regolament 10 jew tonqos milli tagħti informazzjoni f'dak il-perjodu ffissat mid-Direttur Ġenerali skont ir-regolament 10;

(iv) tipprovdi l-kotba mitluba jew *records* oħra tan-negozju imma dawn ma jkunux kompleti, waqt investigazzjonijiet skont ir-regolament 11, jew

tirrifjuta milli toqgħod għal investigazzjoni jew spezzjoni skont ir-regolament 11.";

(g) ir-regolament 14 tagħhom għandu jiġu emendat kif ġej:

(i) ir-regolament 14 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 14(1);

(ii) il-kliem "tal-artikolu 21(4) u (6)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-artikolu 21(7)";

(iii) fil-paragrafu (i) il-kliem "jipprovdu l-informazzjoni kompleta u korretta mitluba b'deċiżjoni konformi mar-regolament 10" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jipprovdu l-informazzjoni kompleta u korretta skont ir-regolament 10";

(iv) fil-paragrafu (ii) il-kliem "joqogħdu għal investigazzjoni ordnata b'deċiżjoni konformi mar-regolament 11" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "joqogħdu għal investigazzjoni skont ir-regolament 11"; u

(v) minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subregolament (2) ġdid li ġej:

"(2) Meta persuna li tkun direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal simili ta' intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi tonqos mingħajr raġuni valida milli tipprovdi l-informazzjoni mitluba fiż-żmien mogħti, il-Qorti tista' timponi penali sa elfejn u erba' mitt euro (€2,400) għal kull ġurnata li jkun hemm dak in-nuqqas.";

(h) ir-regolament 14A tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej;

"Applikazzjoni tal-artikolu 13B tal-Att.

14A. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13B tal-Att għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti skont ir-regolamenti 13 u 14.";

(i) is-subregolament (1) tar-regolament 16 tagħhom għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a), il-kliem "il-proviso li jinsab

mar-regolament 8(2), ir-regolament 8(3) sa (5), ir-regolament 13 u r-regolament 14" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-proviso li jinsab mar-regolament 8(2) u r-regolament 8(3) sa (5)";

(ii) fil-paragrafu (b), il-kliem "il-proviso li jinsab mar-regolament 8(2), ir-regolament 8(3) sa (5), ir-regolament 13 u r-regolament 14" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-proviso li jinsab mar-regolament 8(2) u r-regolament 8(3) sa (5)";

(iii) fil-paragrafu (ċ), il-kliem "il-proviso li jinsab mar-regolament 8(2), ir-regolament 8(3) sa (5), ir-regolament 13 u r-regolament 14" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-proviso li jinsab mar-regolament 8(2) u r-regolament 8(3) sa (5)";

(j) ir-regolament 18 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt li jintalab appell quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) u appell quddiem il-Qorti tal-Appell.
L.S. 12.19.

18. (1) Il-persuni, intrapriżi jew għaqda ta' intrapriżi konċernati u kull terza persuna li jkollha d-dritt ta' smigħ skont ir-regolament 16(5) jistgħu, fi żmien għoxrin jum min-notifika tad-deċiżjoni finali tad-Direttur Ġenerali skont ir-regolamenti 6, 7 u 8 jew fil-każ ta' terzi persuni fi żmien għoxrin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha, jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti fuq punti ta' dritt u, jew ta' fatt, li fih jitolbu li jsir appell mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali.

(2) Ir-rikors għandu jiġi nnotifikat lid-Direttur Ġenerali u d-Direttur Ġenerali għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors.

(3) Rikors ippreżentat quddiem il-Qorti skont is-subregolament (1) ma għandux ikollu l-effett li jissospendi d-deċiżjoni, ħlief meta l-Qorti, fuq talba raġunata magħmula minn parti kkonċernata fil-proċedimenti u wara li l-Qorti tkun ikkunsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha fil-proċedimenti, il-Qorti tissospendi d-deċiżjoni b'dawk il-kundizzjonijiet li hija tqis li jkunu xierqa, u tagħti r-raġunijiet tagħha u dan sakemm ikun hemm deċiżjoni finali mill-Qorti fuq l-appell.

(4) Il-Qorti għandu jkollha s-setgħa li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tad-Direttur Ġenerali, inkluża s-setgħa li tikkonferma, timmodifika jew tħassar bi sħiħ jew parzjalment id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali:

Iżda meta l-Qorti tħassar bi sħiħ jew parzjalment id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali hija tista' tirreferi l-kwistjoni lura lid-Direttur Ġenerali sabiex jieħu deċiżjoni ġdida.

(5) Id-Direttur Ġenerali u kull parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Qorti li tħossha aggravata mis-sentenza mogħtija mill-imsemmija Qorti, tista' tappella fuq punti ta' dritt u, jew ta' fatt quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti.

(6) L-intrapriżi kkonċernati, id-Direttur Ġenerali u kull terza persuna jistgħu jitolbu lill-Qorti tismagħhom bil-magħluq meta s-sottomissjonijiet li jkunu ser jagħmlu jew l-evidenza li tkun ser tiġi prodotta tkun ta' natura kunfidenzjali jew tinkludi sigrieti tan-negozju.

(7) (a) Għandhom jiġu ppreżentati verżjoni kunfidenzjali u verżjoni mhux kunfidenzjali tal-osservazzjonijiet bil-miktub kollha u tal-evidenza dokumentarja kollha li jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti; u

(b) Il-Qorti għandha tivverifika l-kunfidenzjalità jew xort'oħra tal-informazzjoni ppreżentata.

(8) Fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-regolamenti il-Qorti tista' tirrikorri għal sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għal deċiżjonijiet u stqarrijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi avviżi interpretattivi fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE u għal leġiżlazzjoni sekondarja relatata mal-kompetizzjoni u tista' wkoll tirreferi għad-deċiżjonijiet tagħha u tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur.

Kap. 12.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għall-proċedimenti quddiem il-Qorti.";

(k) minnufih wara r-regolament 18 tagħhom għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Preskrizzjoni li tikkonċerna l-impożizzjoni ta' penalitajiet.

18A. L-artikolu 26A tal-Att għandu, *mutatis mutandis,* japplika fir-rigward tal-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penalitajiet.";

(l) ir-regolament 20 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"20. Fl-interpretazzjoni tar-regolament 4(4) u tar-regolament 4(2)(b), id-Direttur Ġenerali għandu jirrikorri għal -

(a) sentenzi tal-Qorti u d-deċiżjonijiet preċedenti tagħha;

(b) sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

(ċ) deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea;

(d) l-Avviżi Interpretattivi u l-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-dispożizzjonijiet

rilevanti tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni sekondarja relatata mal-kompetizzjoni; u

(e) ġurisprudenza barranija oħra li tkun pertinenti."; u

(m) l-Iskeda tagħhom għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fis-sezzjoni B(e) tagħha, il-kliem "multa amministrattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "penali" u l-kliem ", kif imposta mid-Direttur Ġenerali" għandhom jitħassru; u

(ii) fis-sezzjoni E tagħha, il-kliem: "Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust Cannon Road Sta. Venera - SVR 1411 Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Mizzi House Triq Nazzjonali Blata l-Bajda HMR 9010 Malta".

(15) Ir-Regolamenti dwar l-Istabbiliment ta' Sanzjonijiet u Pieni għandhom jiġu emendati kif ġej: Emendi konsegwenzjali għal-L.S. 500.02.

(a) fir-regolamenti 2(1) tagħhom:

(i) it-tifsira "Bord tal-Appell" għandha tiġi mħassra;

(ii) minnufih wara t-tifsira "il-korp responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;"; L.S. 12.19.

(b) ir-regolament 3 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Investigazzjonijiet, proċeduri ġudizzjarji u penali. L.S. 500.01.

3. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont l-artikolu 10(2) tal-Att u skont ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Nomina ta' Diversi Entitajiet, il-korp responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur għandu, kif iqis xieraq u skont kemm applikabbli, fir-rigward ta' investigazzjonijiet, proċeduri ġudizzjarji u rikjesti għall-impożizzjoni ta' penali, isegwi l-proċedura stabbilita fl-artikoli 12 u 12A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u fit-Taqsimiet IIA, IIB, XII u XIIA tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur:

Kap. 378.

Iżda soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali ta' mhux anqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux aktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000) fuq kull persuna li tonqos milli tosserva xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."; u

(ċ) ir-regolament 4 tagħhom għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dritt ta' appell.

4. Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili.".

Tħassir ta' L.S. 510.01.

(16) Ir-Regolamenti dwar Ħatra tal-President tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur għandhom jiġu mħassra.

Emendi Konsegwenzjali għall-Kap.12.

(17) Minnufih wara s-subparagrafu (5) tal-partita 4 tat-Tariffa A fl-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu

jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(6) (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 u b'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, għall-kawżi mibdija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, id-dritt intaxxat għandu jkun dak ta' sitt mija u ħamsin euro (€650).

Kap. 379.

L.S. 379.08.

(b) Fil-każ ta' appelli minn sentenzi mogħtija skont l-Att dwar il-Kompetizzjoni u r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, is-subparagrafu (7) tal-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis*.".

Kap. 379.

L.S. 379.08.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 229 tad-29 ta' Mejju, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati